MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 327/1991/1

**Il-Perit Rene’ Buttigieg u b’digriet tal-14 ta’ Novembru 2006 il-gudizzju gie trasfuz fuq Sandra Kirkpatrick, Maria Borg Costanzi u Franco Buttigieg bhala werrieta tar-rikorrenti li miet fil-mori tal-kawza.**

**vs**

**Ministru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura u d-Direttur tax-Xogholijiet u b’digriet tas-27 ta’ Mejju 1991 gew kjamati in kawza l-Onor Lorry Sant u l-AIC Michael Busuttil u b’nota tat-23 ta’ Mejju 1995 il-Ministru ghall-Ambjent assuma l-atti minflok il-Ministru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura filwaqt li d-Direttur Generali assuma l-atti minflok id-Direttur tax-Xogholijiet u b’dikriet tal-21 ta’ April 1997 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta’ Carmen Sant minflok l-Onor. Lorry Sant li miet fil-mori ta’ dawn il-proceduri.**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tal-Perit Rene’ Buttigieg fejn gie premess:-

1. Illi huwa dahal jahdem mal-Gvern bhala Perit fl-1961, u b’hekk abbanduna prattika privata lukrativa, u ben avvjata.

2. Illi sal-1971 hu kien jahdem mal-Lands Department li kien “Closed Department”. Nonostante dan, huwa gie trasferit mad-Dipartiment tal-Public Works.

3. Huwa kien Segretarju tal-Professional Engineers Union u Tezorier tal-Malta Government Professional Officers Union.

4. Mill-1972, meta kien Ministru tax-Xogholijiet l-Onorevoli Lorry Sant, u wara l-1973 meta l-Perit Michael Busuttil kien Agent Direttur u wara Direttur tax-Xogholijiet Pubblici, l-esponent beda isofri diskriminazjoni u persekuzzjoni minhabba l-attivita sindikali tieghu u d-divergenzi ta’ fehmiet politici li l-Ministru Lorry Sant hass li kellu mar-rikorrent. Hekk, per ezempju:

a) Il-Ministru Sant kien jirrifjuta li jiltaqa mal-Malta Government Professional Officers Union (MGPOA) meta kien hemm presenti r-rikorrenti.

b) Kien jaghmillu akkuzi taht l-immunita’ parlamentari fil-1973, u fil-1974, waqt is-sospensjoni mix-xoghol tal-periti impjegati mal-gvern.

c) Kienu jissoggettah ghall diversi charges frivoli promossi minnu personalment bil-konnivenza tal-Perit Michael Busuttil li naqas fil-funzjoni tieghu ta’ Kap ta’ Departiment b’responsabilita lejn id-dipendenti tieghu.

d) Fl-1 ta’ Ottubru 1973 huwa gie impoggi f’kamra zghira bla ebda kumditajiet u bl-ordni li ma jinghata ebda xoghol u gie ordnat li ghall ebda raguni ma jillarga min dik il-kamra zghira. Hu thalla hemm ghal erba’ xhur u nofs shah.

e) Gie moghti xoghol f'Marsaxlokk u Ta' Qali, bl-ordni li ma jallontanx ruhhu mill-konfini, indikati fuq pjanti, ghall ebda raguni, inkluzi ezigenzi ufficjali tas-servizz.

f) Ghal snin shah gie mibghut Ghawdex. Ma setghax jigi Malta fil-granet tax-xoghol u kien mizmum ghalhekk separat mil-familja tieghu f'Malta.

g) Ma thallix jattendi l-Qorti ghall-kawzi tieghu, tant li kellu jitlob l-intervent tal-Qorti.

h) Id-Dipartiment ha passi biex ismu jithassar mill-lista tal-gurati, biex zgur ma jkunx jista jiccaqqlaq.

i) Ma thalliex jaqdi il-funzjonijiet sindakali tieghu, b'mod li biex isiru laqghat ufficjali dwar materji direttament rikjesti mill-Prim Ministru, kellu jittiehed permess specjali minn Kastilja.

j) Inghata numru sproporzjonat ta' transfers, kemm fis-section tieghu kif ukoll minn Section ghall-ohra.

k) Ma kienx jinghata leave. Dan, anke ghal gurnata wahda, kien jigi rifjutat mill-Ministru Sant u mill-Perit Busuttil

l) Qabel il-1974 meta d-Dipartiment, bil-Perit Psaila bhala Direttur, kien iffirmalu gimgha leave biex l-esponent isiefer mal-familja, gie ordnat stop-leave ghall-periti kollha pero' dan tnehha l-ghada tal-gurnata li kellu isiefer l-esponent, b'mod li s-safra tieghu giet sfrattata.

m) Fil-1978 gie moghti ultimatum li jitkecca mix-xoghol jekk ma jlestix il-Pumping Station tax-Xlendi fi zmien erba' xhur.

n) Kien l-uniku Perit li ma thalliex jiffirma ir-Reorganisation Exercise, ghalkemm kellu kull dritt li jaghmel dan.

5. Ir-rizultat ta' dawn il-vessazzjonijiet u persekuzzjonijiet bla heda kien li huwa marad serjament u kellu jitlaq mill-impjieg tieghu minn mal-Gvern. Huwa kellu jsiefer minn

Malta biex jaqla l-ghixien tieghu u b'hekk kellu jaqta' hesrem il-karriera li kien ghazel ghal hajtu bit-telfien tal-beneficcji kollha minnha derivati.

6. Illi dan l-agir tal-predecessuri tal-intimat, jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali, fosthom l-protezzjoni kontra t-trattament degradanti umiljanti u inuman, kontra d-diskrimazzjoni u kontra l-liberta tal-assocjazzjoni, protetti mill-Artikoli 36, 45 u 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikoli 3, 14 u 11 ta' Konvenzjoni Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha r-rikorrenti qed jitlob li jinghataw l-ordnijiet u direttivikollha xierqa biex jittwettqu d-disposizzjonijiet fuq imsemmija, fosthom li jigi ddikjarat li r-rikorrenti kien vittma tal-ksur tad-drittijiet fondamentali fuq imsemmija u li l-intimati jigu kkundannati jhallsu kumpens xieraq bhala rimedju ghal dak kollu li bata r-rikorrenti imhabba l-ksur tad-drittijiet tieghu.

Rat ir-risposta tal-intimati fejn gie eccepit:-

Illi r-rikors tar-rikorrenti jallega fatti u motivazzjonijiet ghalihom, meta dawk il-fatti allegatament graw bejn l-1973 u 1978, u cioe' bejn tlettax u tmintax il-sena ilu meta il-ministru responsabbli ghad-dipartiment tax-xoghlijiet kien okkupat mill-Onorevoli Sur Lorry Sant u d-direttur kien il-Perit Michael Busuttil.

Illi anke dwar il-fatti allegati li dwarhom jista' jezistu records fil-files dipartimentali koncernati, ma jezistux records dwar il-motivazzjoni ghall-istess fatti kif allegati mir-rikorrent.

Illi ir-ricerka dwar il-fatti msemmija fir-rikors tinteressa u tolqot personalment kemm lill-Onorevoli Lorry Sant, allura Ministru responsabbli, kif ukoll lill-Perit Busuttil, allura Direttur tax-Xoghlijiet, liema tnejn min-nies ghandhom interess skond il-ligi f'kull dikjarazzjoni li dina l-Onorabbli Qorti tista' taghmel fuq l-istess fatti in konnessjoni ma' dana r-rikors; l-istess Onorevoli Lorry Sant u Perit Michael

Busuttil huma l-unici tnejn min-nies li jistghu fil-fatt jirrispondu ghal dawk l-allegazzjoniet.
Ghaldaqstant, qabel xejn, l-intimati jissottomettu li jehtieg f’dan il-process jigu kjamati fil-kawza l-Onorevoli Lorry Sant u l-Perit Michael Busuttil biex l-istess ikunu jistghu jirrispondu ghal kull interess li jista’ jkollhom.

Rat id-dikriet ta din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-27 ta’ Mejju 1991 li bih gew kjamati fil-kawza l-Onorevoli Lorry Sant u l-A.I.C. Michael Busuttil..

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza AIC Michael Busuttil fejn gie sottomess:-

1. Fl-ewwel lok illi huwa ghandu jigi mahrug il-barra minn dina l-kawza billi l-ilmenti kostituzzjonali ma jirrigwardawx lilu personalment imma biss lill-Awtorita kostitwita, anke jekk ghall-grazzja tal-argument kien hemm xi abbuz tal-poter da parti tieghu, haga li hija kompletament michuda u kontestata, r-rimedju li kien ikollu r-rikorrent kien li jfittex lill-kjamat in kawza esponent fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili ghad-danni, haga li ma ghamiltx u li kwalsiasi dritt dwaru issa r-rikorrenti ghazel li wara tant snin u cioe ben tmintax il-sena qed jaghmel fil-konfront tal-kjamat in kawza l-AIC Michael Busuttil, jipprevarika fuq attentat biex jigi michud lill-istess Michael Busuttil id-dritt tieghu ghall-smiegh gust u xieraq billi naturalment u wara tant snin ikun ferm dificli li wiehed isib xhieda u l-provi biex jitressqu dwar dak li jkun gara tmintax il-sena qabel. Ghalhekk fuq din il-bazi, l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi mhux persuna legittima fil-kawza kostituzzjonali promossa mir-rikorrent ghall-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu.

2. Illi fi kwalsiasi kaz il-kjamat in kawza dejjem agixxa bil-funzjonijiet tieghu bhala Direttur tax-Xogholijiet Pubblici meta kien appuntat u ma agixxiex bl-ebda vesti personali u ghalhekk ma jistax issa jigi mitlub jirrispondi dwar dak l-agir b’vesti personali.

3. Illi fil-mertu inoltre l-esponent jissottometti bir-rispett li huwa bl-ebda mod ma jikkoniva jew ikkommetta xi ksur

tad-drtittijiet fondamentali appartenenti lir-rikorrent. Fil-fatt ir-rikorrent diga ressaq l-ilmenti tieghu quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jekk kellu xi dritt suppost li ha rimedju minn dik il-fonti u f'dak l-esercizzju l-esponent kien pront jaghti ix-xhieda kollha tieghu b'mod onest minghajr habi u minghajr ebda xkiel. Illi l-esponent jissottometti bir-rispett li huwa ta' min jirrileva li diversi mill-fatti dwar liema ilmenta minnhom ir-rikorrent, lanqas biss graw meta hu kien direttur tax-Xogholijiet Pubblici imma kienu persuni ohra li kienu diretturi tax-Xogholijiet Pubblici. Ghalhekk huwa ma jistax jigi tenut jirrispondi dwar dawn l-ilmenti. L-esponent jirriafferma li huwa dejjem qedgha id-dmirijiet u l-obbligi tal-kariga tieghu onestament u bl-akbar abilita tieghu u fil-limiti ta' dawk l-obbligi li kien jimponi fuqu s-servizz pubbliku u ghalhekk jissottometti li ghandu jigi liberat fi kwalsiasi kaz anke mill-mertu tat-talbiet diretti kontra tieghu.

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza Onor Lorry Sant fejn gie sottomess:-

1. Fl-ewwel lok in-nullita' tad-digriet li bih giet ordnata il-"Chiamata in Causa" tal-esponent. Din l-istanza tittratta minn rikors kostituzzjonali li kif hu impostat huwa esperibbli fil-konfront ta' Awtorita kostitwita u mhux fir-rigward ta' persuna fil-kapacita taghha individwali.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel sottomissjoni, l-esponent ghandu jigi mahrug il-barra minn din il-kawza billi l-ilmenti kostituzzjonali ma jistghux jigu maghmula fil-konfront tieghu ghal grazzja tal-argument kellha tirrizulta xi abbuz ta' poter da parti tal-esponent – haga li hija kompletament michuda u kkontestata – ir-rikorrent kellu rimedji ohra izda qatt ir-rimedju tar-rikors kostituzzjonali kontra l-esponent. Ir-rikorrent setgha agixxa, fi zmien li kienet tippermettilu l-ligi, quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghal kull dannu li jippretendi li setgha sofra. Izda zgur huwa inkongru illi ir-rikorrent ma talabx ir-rimedju fi zmien opportun izda halla kwazi ghoxrin sena jghaddu qabel ma ittanta dan il-pass.

3. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponent dejjem agixxa fil-funzjoni tieghu ta' Ministru u qatt fil-vesti tieghu personali, u ghalhekk ma jsitghax issa jigi mitlub illi jirrispondi dwar dak l-agir b'vesti personali.

4. Illi fil-meritu l-esponent jissottometti illi huwa bl-ebda mod ma kkommetta xi ksur tad-drittijiet tal-bniedem kif jippretendi ir-rikorrent.

5. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti kwantu jolqtu lill-esponent fil-vesti tieghu personali bhala "chiamat in causa" ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-25 ta' Ottubru 1993 fejn gew michuda t-talbiet taz-zewg kjamati fil-kawza sabiex huma jinhargu mill-kawza u fl-istess hin gie konfermat l-imsemmi dikriet tas-27 ta' Mejju 1991.

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Lulju 1996 li biha giet ikkonfermata l-imsemmija sentenza tal-25 ta' Ottubru 1993.

Rat id-dikriet taghha (diversament presjeduta) tal-21 ta' April 1997 li bih il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Carmen Sant, armla tal-Onor. Lorry Sant, minflok l-istess Onor. Lorry Sant li miet fil-mori tal-presenti proceduri.

Rat id-dikriet taghha tal-14 ta' Novembru 2006 li bih il-gudizzju gie trasfuz fuq Sandra Kirkpatrick, Maria Borg Costanzi u Franco Buttigieg bhala werrieta tar-rikorrenti li miet fil-mori tal-kawza.

Rat id-dikriet taghha (diversament presjeduta) tat-8 ta' Ottubru 1997 li bih giet nominata Assistant Gudizzjarjru Dottor Maria Dolores Gauci biex tisma x-xhieda tal-persuni mresqa mill-kjamat fil-kawza l-AIC Michael Busuttil inkluz il-kontro-esami.

Rat il-verbali tas-seduti li zammet l-imsemmija Assistent Gudizzjarju u t-traskrizzjonijiet tad-deposizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu mill-istess Assistent Gudizzjarju.

Rat illi l-Assistent Gudizzjarju ma semghetx biss ix-xhieda prodotti mill-kjamat fil-kawza l-Perit Michael Busuttil izda semghet ukoll xhieda ohra b'mod partikolari semghet lir-rikorrenti u xhieda prodotti minnu.

Rat l-affidavits tar-rikorrenti.

Rat l-affidavit tal-kjamat fil-kawza l-AIC Michael Busuttil.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-intimati.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-kjamat fil-kawza AIC Michael Busuttil.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-kjamata fil-kawza Carmen Sant.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti limitatament ghall-kwestjoni tal-preskrizzjoni.

Rat in-nota responsiva tal-kjamata fil-kawza Carmen Sant dwar l-istess kwestjoni tal-preskrizzjoni.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati dwar l-istess kwestjoni tal-preskrizzjoni.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Fatti**

Jirrizulta li r-rikorrenti mill-1961 kien impjegat mal-Gvern bhala perit. Jirrizulta ukoll li l-istess rikorrenti kien attiv

f'zewg unions u cioe' l-"Professional Engineers Union" u l-"Malta Government Professional Officers Union" tant li kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju u Tezorier rispettivament tal-imsemmija zewg unions. Jirrizulta mill-provi li kien hemm certa tensjoni fi-rapport bejn ir-rikorrenti u l-kjamat fil-kawza l-Onor Lorry Sant, li kien il-ministru responsabbli ghad-dipartiment fejn kien jahdem ir-rikorrenti. Din it-tensjoni nfirxet lejn u attakkat ir-relazzjonijiet bejn ir-rikorrenti u l-kjamat fil-kawza l-iehor, li okkupa diversi karigi gholja fl-istess dipartiment, inkluza l-kariga ta Direttur tad-Dipartiment. Jirrizulta ukoll, u dan ghandu ukoll jinzamm presenti tul il-qari ta' din is-sentenza, li l-Ministru Lorry Sant kien imexxi l-ministeru b'mod goff u bi stil pjuttiost arroganti u li l-istess ministru kien jagixxi b'mod aggressiv lejn il-haddiema kollha fil-ministeru, inkluzi l-oghla ufficjali. Jidher li dawn l-ufficjali kienu x'aktarx jissottomettu ruhhom kompletament ghar-rieda tal-ministru. Ovvjament dan ma jammontax ghall-agir anti-kostituzzjonali. Jirrizulta li anke minn naha tieghu r-rikorrenti kien jiehu kull okkazjoni tigih biex idejjaq lis-superjuri tieghu fid-Dipartiment.

**Sottomissjonijiet tar-rikorrenti**

Ir-rikorrenti jallega li meta l-Onorevoli Lorry Sant kien Ministru tax-Xogholijiet, u meta l-Perit Michael Busuttil kien Agent Direttur u sussegwentement Direttur tax-Xogholijiet Pubblici, huwa sofra minn diskriminazjoni u persekuzzjoni minhabba l-attivita sindikali tieghu u minhabba d-divergenzi ta' fehmiet politici li l-imsemmi Ministru Lorry Sant hass li kellu mar-rikorrent. Difatti kemm il-Ministru Lorry Sant kif ukoll l-Perit Michael Busuttil gew kjamati fil-kawza.

Ir-rikorrenti jissottometti li dan l-agir jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali, fosthom l-protezzjoni kontra t-trattament degradanti umiljanti u inuman, kontra d-diskrimazzjoni u kontra l-liberta' tal-assocjazzjoni, protetti mill-Artikoli 36, 45 u 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikoli 3, 14 u 11 ta' Konvenzjoni Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob li jinghataw l-ordnijiet u direttivi kollha xierqa biex jittwettqu fil-konfront tieghu d-disposizzjonijiet fuq indikati, fosthom li jigi ddikjarat li r-rikorrenti kien vittma tal-ksur tad-drittijiet fondamentali fuq imsemmija u li l-intimati jigu kkundannati jhallsu kumpens xieraq bhala rimedju ghal dak kollu li bata r-rikorrenti imhabba l-ksur tad-drittijiet tieghu.

**Sitwazzjonijiet lamentati u elenkati mir-rikorrenti fir-rikors**

Ir-rikorrenti elenka varji sitwazzjonijiet li fihom huwa jallega li l-imsemmija drittijiet fundamentali tieghu gew lezi u cioe':-

a) Il-Ministru Sant kien jirrifjuta li jiltaqa mal-MGPOA meta kien ikun hemm presenti r-rikorrenti.

b) Kien jigi akkuzat taht l-immunita' parlamentari fil-1973, u fil-1974, waqt l-astensjoni mix-xoghol tal-periti impjegati mal-gvern.

c) Kien jigi soggettat ghall diversi charges frivoli promossi minn l-Onor. Lorry Sant personalment bil-konnivenza tal-Perit Michael Busuttil li naqas fil-funzjoni tiehu ta' Kap ta' Departiment b'responsabilita lejn id-dipendenti tieghu.

d) Fl-1 ta' Ottubru 1973 gie impoggi f'kamra zghira bla ebda kumditajiet u bl-ordni li ma jinghata ebda xoghol u gie ordnat li ghall ebda raguni ma jillarga min dik il-kamra zghira.  Hu thalla hemm ghal erba' xhur u nofs shah.

e) Gie moghti xoghol f'Marsaxlokk u Ta' Qali, bl-ordni li ma jallontanx ruhhu mill-konfini, indikati fuq pjanti, ghall ebda raguni, inkluzi ezigenzi ufficjali tas-servizz.

f) Ghal snin shah gie mibghut Ghawdex.  Ma setghax jigi Malta fil-granet tax-xoghol u kien mizmum ghalhekk separat mil-familja tieghu f'Malta.

g) Ma thallix jattendi l-Qorti ghall-kawzi tieghu, tant li kellu jitlob l-intervent tal-Qorti.

h) Id-Dipartiment ha passi biex ismu jithassar mill-lista tal-gurati, biex zgur ma jkunx jista jiccaqqlaq.

i) Ma thalliex jaqdi il-funzjonijiet sindakali tieghu, b'mod li biex isiru laqghat ufficjali dwar materji direttament rikjesti mill-Prim Ministru, kellu jittiehed permess specjali minn Kastilja.

j) Inghata numru sproporzjonat ta' transfers, kemm fis-section tieghu kif ukoll minn Section ghall-ohra.

k) Ma kienx jinghata leave. Dan, anke ghal gurnata wahda, kien jigi rifjutat mill-Ministru Sant u mill-Perit Busuttil

l) Qabel il-1974 meta d-Dipartiment, bil-Perit Psaila bhala Direttur, kien iffirmalu gimgha leave biex l-esponent isiefer mal-familja, gie ordnat stop-leave ghall-periti kollha pero' dan tnehha l-ghada tal-gurnata li kellu isiefer l-esponent, b'mod li s-safra tieghu giet sfrattata.

m) Fil-1978 gie moghti ultimatum li jitkecca mix-xoghol jekk ma jlestix il-Pumping Station tax-Xlendi fi zmien erba' xhur.

n) Kien l-uniku Perit li ma thalliex jiffirma ir-Reorganisation Exercise, ghalkemm kellu kull dritt li jaghmel dan.

Ir-rikorrenti jkompli jissottometti li b'rizultat tal-imsemmija vessazzjonijiet u persekuzzjonijiet huwa marad serjament u kellu jitlaq mill-impjieg tieghu minn mal-Gvern. Huwa kellu jsiefer minn Malta biex jaqla l-ghejxien tieghu u b'hekk kellu jaqta' hesrem il-karriera li kien ghazel ghal hajtu bit-telfien tal-beneficcji kollha minnha derivati.

**Eccezzjonijiet tal-intimati**

L-intimati rrispondew li l-motivazzjonijiet li wasslu ghall-lanjanzi tar-rikorrenti zgur li ma jirrizultawx mill-faxxikoli jew mill-"files" relattivi. L-intimati komplew jissottomettu li l-fatti indikati fir-rikors jinteressaw personalment kemm lill-

Onorevoli Lorry Sant allura Ministru responsabbli, kif ukoll lill-Perit Busuttil, allura Direttur tax-Xoghlijiet, konsegwentement l-imsemmija zewg persuni ghandhom interess skond il-ligi f'kull dikjarazzjoni li dina l-Qorti tista' taghmel u ghalhekk talbu li dawn iz-zewg persuni jigu kjamati fil-kawza. Din it-talba fil-fatt giet akkolta.

**Risposta tal-kjamat fil-kawza l-AIC Michael Busuttil**

Il-kjamat fil-kawza l-A.I.C. Michael Busuttil issottometta fir-risposta tieghu li huwa ghandu jigi mahrug il-barra minn dina l-kawza billi l-ilmenti kostituzzjonali ma jirrigwardawx lilu personalment imma biss lill-Awtorita kostitwita, u anke jekk kien hemm xi abbuz tal-poter da parti tieghu r-rimedju kien li r-rikorrenti jfittxu ghad-danni pero' dan ir-rikorrenti ma ghamlux u minflok ghazel li wara hafna snin jaghmel dawn il-proceduri u dan kwazi iwassal ghall- attentat biex jigi michud lilu d-dritt ghall-smiegh gust u xieraq billi issa ser ikun difficli li wiehed isib xhieda u l-provi biex jitressqu dwar dak li gara u ghalhekk huwa ssottometta li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi mhux persuna legittima fil-kawza kostituzzjonali. Huwa inoltre eccepixxa li huwa dejjem agixxa bil-funzjonijiet tieghu bhala Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u ma agixxiex bl-ebda vesti personali u ghalhekk ma jistax jigi mitlub jirrispondi dwar dak l-agir b'vesti personali u li huwa qatt ma kkommetta ksur tad-drtittijiet fondamentali tar-rikorrent. Ir-rikorrent ressaq l-ilmenti tieghu quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jekk kellu xi dritt suppost li ha rimedju minn dik il-Kummissjoni. Diversi mill-fatti elenkati mir-rikorrenmi ma grawx meta hu kien direttur tax-Xogholijiet Pubblici u kwindi hu ma jistax jigi tenut jirrispondi dwar dawn il-fatti.

**Risposta tal-kjamat fil-kawza l-Onor. Lorry Sant**

Il-kjamat fil-kawza l-Onor Lorry Sant irrisponda li d-dikriet li bih giet ordnata il-kjamata fil-kawza tieghu hu null. Kif hu impostat ir-rikors promotur, jista biss isir fil-konfront ta' Awtorita kostitwita u mhux fir-rigward ta' persuna fil-kapacita taghha individwali. Huwa jkompli jissottometti li hu ghandu jigi mahrug il-barra minn din il-kawza billi

lamenteli ta' natura kostituzzjonali ma jistghux jigu maghmula fil-konfront tieghu. Jekk jirrizulta li huwa abbuza mill-poter tieghu ir-rikorrent kellu rimedji ohra bhal per ezempju azzjoni ghad-danni. Ir-rikorrent pero' ma ghamilx tali azzjoni fiz-zmien li trid il-ligi u halla hafna snin jghaddu qabel ma inizja dawn il-proveduri.

L-imsemmi kjamat fil-kawza inoltre jissottometti li huwa dejjem agixxa biss fil-funzjoni tieghu ta' Ministru u qatt fil-vesti tieghu personali. Finalment jeccepixxi illi huwa bl-ebda mod ma kkommetta xi ksur tad-drittijiet tal-bniedem u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti kwantu jolqtu lilu personalment ghandhom jigu michuda.

**Kostatazzjonijiet generali**

Dan il-process fih il-fuq min tlett elef u mitt (3100) pagna imqassmin f'seba' (7) volumi kollha pjuttost imdaqqsin. Il-process jikkontjeni diversi traskrizzjonijiet ta' deposizzjonijiet li huma pjuttost twal kif ukoll noti li jikkontjeni numru mhux hazin ta' pagni. Fil-maggior parti tieghu, pero', l-process jikkontjeni diversi dokumenti li hafna minnhom huma rrilevanti u ddahhlu fil-process ghal xejn b'xejn. Sta ghad-difensuri li jassiguraw li d-dokumenti li qed jigu esibiti huma rilevanti u li huma intizi biex effettivament jaghmlu prova. Sta ukoll ghall-gudikant li jassigura li dan isehh. L-assistent gudizzjarju, li jkun gie mqabbad biss biex jisma x-xhieda u jikkompila l-atti, ghandu jassigura ruhu minn li d-dokumenti esibiti huma rilevanti u jistghu jkunu prova u b'hekk il-process ma jithallix jehxin sproporzjonatament.

**Responsabilita' personali tal-kjamati fil-kawza**

Kif gie gia rilevat bl-imsemmija sentenzi tal-25 ta' Ottubru 1993 u tal-31 ta' Lulju 1996 gie finalment deciz li z-zewg kjamati fil-kawza ma kellhomx jinhargu mill-kawza u gie ukoll konfermat id-dikriet relattiv ghall-ordni tal-kjamata fil-kawza cioe' d-dikriet tas-27 ta' Mejju 1991. B'hekk jista jinghad li in generali li gew decizi l-eccezzjonijiet kollha tal-kjamat fil-kawza rigwardanti l-posizzjoni taghhom f'dawn il-proceduri. Ghad trid tigi deciza, pero', l-kwestjoni

sollevata miz-zewg kjamati fil-kawza rigwardanti li huma qed jigu mharrkin fil-vesti personali taghhom meta huma fil-fatti meritu ta’ dawn il-proceduri kienu qed jagixxu fil-vesti taghhom ufficjali. Iz-zewg kjamati fil-kawza jzidu illi din il-kawza hi ta’ natura kostituzzjonali u ghallhekk ghanda tkun diretta lejn Awtorita kostitwita u mhux fil-konfront taghhom fil-kapacita’ taghhom personali.

Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet “Carmelo sive Charles Buttigieg vs Albert Mizzi nomine” deciza fit-12 ta’ April 1991, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet li l-artikolu 36 ma jaghmilx eccezzjonijiet ghar-rigward ta’ vjolazzjoni tal-provedimenti tieghu minn individwi u b’referenza ghall-provedimenti tal-istess Kostituzzjoni jirrizulta li individwu fil-kapacita’ personali tieghu jista jigi ritenut responsabbli ta’ ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. In effett ma tirrizulta ebda distinzjoni fl-artikoli 32 sa’ 46 tal-istess u kwindi ma hemm ebda distinzjoni bejn vjolazzjoni da parti ta’ individwu u vjolazzjoni da parti tal-Istat.

Il-Qorti Kostituzzjonali, f’sentenza tas-6 ta’ Awissu 2001 fil-kawza “Joseph Mary Vella et v Kummissarju tal-Pulizija et” iddecidiet li l-azzjoni setghet issir kontra individwi personalment u ghalhekk kawza kostituzzjonali hi azzjonabbli kontra individwu. Fi kliem il-Qorti Kostituzzjonali – “Il-Kostituzzjoni imkien ma tezigi illi d-dritt ta’ azzjoni kellu jkun dirett biss lejn l-Istat. Il-Kostituzzjoni tenuncja biss il-jeddijiet fondamentali bil-limitazzjonijiet taghhom. Tezigi li l-Qrati kompetenti jaghtu rimedju xieraq kull fejn tirrizulta l-lezjoni u rrispettivament minn min ikun responsabbli ghaliha u taghti access dirett ghall-Qorti lill-vittma tal-lezjoni biex jitlob u jezigi ridress. Dana fil-fehma ta’ din il-Qorti irrispettivament mill-kawza u l-origini tal-lezjoni” u konsegwentement fl-imsemmija sentenza individwi personalment gew kundannati jhallsu kumpens lir-rikorrenti.

Fil-kawza “John Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et” tal-21 ta’ Jannar 1993, f’dak li huwa rilevanti għall-finijiet ta’ din il-kwestjoni, l-Qorti ikkonkludiet illi uffiċjal inkarigat huwa personalment responsabbli anki jekk huwa jkun qiegħed jaġixxi uffiċjalment, in kwantu huwa aġixxa

illegalment jew oltre d-doveri leġittimi tiegħu. F'din is-sentenza intqal ukoll li ma hemmx limitazzjonijiet għar-rigward ta' proċeduri kostituzzjonali speċjali riferibbli kontra l-Istat. Inoltre, peress li d-drittijiet li huma ġuridikament ikkwalifikati bħala fondamentali, li huma kollokati f'posizzjoni ġerarkikament superjuri għal drittijiet oħra, loġikament jitolbu protezzjoni u implimentazzjoni pożittiva ħafna aktar ampja minn dawk tad-drittijiet "komuni" u kwindi din il-protezzjoni hi estiza ghal kullhadd, hadd eskluz.

Kwindi dak li qed jissottomettu l-kjamati fil-kawza zgur ma jistax jiġi aċċettat għaliex ma jsib ebda appoġġ f'xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni u lanqas fil-gurisprudenza. L-argument tal-kjamati fil-kawża li huma ma jistgħux jinżammu responsabbli peress illi kienu qed jaġixxu fil-vesti ufficjali taghhom rispettivament ta' Ministru u Direttur tad-Dipartiment ghandu jigi rigettat.

**Ezawriment tar-rimedji ordinarji**

Il-kjamati fil-jkawza ukoll eccipew li r-rimedju li kellu r-rikorrent hu dak li jipprocedi ghad-danni, haga li huwa ma ghamilx. Hawnhekk ir-referenza hi ghall-provedimenti tal-artkolu 46(1) u (2) tal-Kostituzzjoni li jipprovdu li kull min jallega li gew lezi fil-konfront tieghu d-driitijiet fundamentali jista jipprocedi b'kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili izda l-imsemmija Qorti tista, jekk jidhirla li hu hekk opportun, tirrifjuta li tezercita s-setgħat tagħha jekk hi tkun sodisfatta li hemm jew kien hemm mezzi legali xierqa biex jinkiseb rimrdju għall-ksur allegat.

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 1994, fil-kawza fl-ismijiet "Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" wara li ezaminat numru ta' sentenzi qalet dwar l-imsemmija provedimenti li "minn din ir-rassenja ta' sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta' din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji gjurisprudenzjali - (a) meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi

gudizzjarji ta’ natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli, (b) din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta’ illegalita’ jew ta’ gustizzja jew ta’ zball manifest, ma tiddisturbax l-ezercizzju ta’ diskrezzjonalita’ ta’ l-ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni, (c) kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu, (d) meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta’ kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m’ghandhiex tezercita gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibbli rimedju ma kienx pero’ ser jirrimedja hlief in parte l-lanjanzi tar-rikorrent, (e) meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero’ dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta’ haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz u (f) meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-Qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni”.

Dawn huma l-prinċipji ġenerali li jistghu jwasslu l-Qorti tasal għall-konkluzjoni jekk ghandiex tuza d-diskrezzjoni moghtija lilha permezz tal-provedimenti in ezami. Ghandhom ukoll jigu esaminati sentenzi li jittrattaw kazijiet specifici ovvjament dejjem b’referenza ghall-istess provedimenti in esami. Fil-kawza “Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et” (deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta’ April 1991) l-ewwel Qorti sostniet li minn ezami akkurat tas-subinciz (1) u (2) tal-artikolu 46 (dak iz-zmien l-artikolu 47) jidher car li l-legislatur Malti ma riedx li jistabilixxi bhala principju assolut fil-ligi kostituzzjonali taghna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, ghandha dejjem u tassativament tezawrixxi r-rimedji kollha disponibbli taht il-ligi ordinarja, inkluzi dawk ir-rimedji li ma jkunux ragionevolment mistennija li jipprovdu rimedju effettiv. Il-Qorti ghandha diskrezzjoni wiesgha hafna dwar l-ezercizzju o meno tal-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha. Ovvjament, tali diskrezzjoni ghandha tintuza gustament u ragonevolment. Fil-kawza deciza mill-Qorti Civili, Prim' Awla, (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali), fit-30 ta'

Ottubru, 2008, fl-ismijiet “Anthony Mifsud. vs Supretendent Carmelo Bonello et” il-Qorti għamlet riferenza għall-imsemmija sentenza fejn gie citat appuntu l-paragrafu fuq riprodott. Il-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Dicembru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet “Joseph Bartolo vs L-Onorevoli Prim Ministru et” ġie ritenut li - “r-regola li trid li min jirrikorri ghar-rimedju straordinarju jkun qabel fittex ir-rimedji ordinarji kollha ma hix xi regola teknika ta’ applikazzjoni awtomatika, thalli lill-Qorti diskrezzjoni biex tara jekk, fic-cirkostanzi, ir-rimedju ordinarju kienx ikun bizzejjed ghall-harsien tad-drittijiet fondamentali, sabiex ma jsirx rikors ghar-rimedji straordinarji meta dawk ordinarji kienu jkunu bizzejjed.”

Illi ghalhekk, kif gia kella okkazjoni tirritjeni din il-Qorti (kif presjeduda), kawzi ta’ natura kostituzzjonali generalment ikunu jinvolvu allegazzjonijiet ta’ ksur ta’drittijiet li huma definiti mill-ligi bhala fondamentali u li jolqtu d-drittijiet tal-bniedem u li gerarkirament huma superjuri ghad-drittijiet ohra “normali.” Ghalhekk l-allegazzjonijiet ta’ ksur ikunu, generalment, gravi u serji li kwazi dejjem ikunu jimmeritaw li jigu skrutinati mill-qrib mill-Qorti kompetenti.

Il-kjamati fil-kawza jgħidu ukoll li r-rikorrent kellu ukoll ir-rimedju taħt l-artikolu 469A tal-Kap.16 u cioe` dak li hu komunement maghruf bhala “judicial review”. Fil-kawza fl-ismijiet “Raymond Vella et nomine vs Il-Kummissarju ta’ l-Artijiet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali, fl-24 ta' Mejju, 2004, l-Ewwel Qorti rriteniet li r-rimedju li kienu qed jitolbu r-rikorrenti kien imur oltre dak li kien possibbli li jitolbu jew li jinghataw bi jew taht il-procedura skond l-Artikolu 469A.. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat dan u irreteniet – “Issa, apparti li hu evidenti li r-rimedju talvolta disponibbli taht l-imsemmi Artikolu 469A huwa ferm aktar limitat mir-rimedju li tista’ taghti l-Prim Awla fil-kompetenza kostituzzjonali u “konvenzjonali” taghha, il-proviso ghas-subartikolu (2) kemm tal-Artikolu 46 kif ukoll tal-Artikolu 4, ma jghidx li l-Prim Awla “ghandha” tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha, izda li “tista’, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel li tirrifjuta li tezercita dawk is-setghat. Fi kliem iehor, il-legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim Awla.”

Principalment il-legislatur ma riedx li jsiru kawzi kostituzzjonali bla bzonn, mill-banda l-ohra dan il-proviso m'ghandux jintuza biex cittadin jigi impedut milli jippromwovi azzjonijiet kostituzzjonali meta jidher "prima facie" li ghandu kaz serju li jista' jimplika ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Fi kliem iehor, id-diskrezzjoni taht l-imsemmi proviso ghandha dejjem tigi uzata fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja, biex minn naha l-wahda il-Prim Awla u l-Qorti Kostituzzjonali ma jigux inondati b'kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra jew li ghalihom ikun hemm rimedju effettiv taht xi ligi ohra, u min-naha l-ohra c-cittadin ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta..

Kwindi hu zgur li ma tesistix disposizzjoni legali li tistabilixxi b'mod assolut prinċipju fis-sens li wieħed għandu l-ewwel jadixxi l-qrati ordinarji u jfittex rimedji ordinarji, qabel ma jipprocedi permezz ta kawza kostituzzjonali. Pero', anke jekk il-mezzi kollha ordinarji ma gewx utilizzati in vista tal-fatt li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti generalment jkunu serji bizzejjed u jissollevaw kwistjonijiet importanti ta' dritt, ghandu jkun aktar opportun ghall-Qorti li tieħu konjizzjoni tal-kawza u kwindi ma tiġix eżerċitata d-diskrezzjoni kif stipulata fl-artikolu 46(2) in kwestjoni. Ovvjament hemm eccezzjonijiet ghal din ir-regola generali bhal meta jkun lampanti li d-diskrezzjoni in kwestjoni jehtieg li tigi esercitata. Fil-kaz in esami din il-Qorti m'ghandiex tiddeklina li tisma l-kawża kif in effett qed jissuġerixxu l-kjamati fil-kawża.

**Dewmien bejn l-allegat ksur u l-bidu ta' dawn il-proceduri**

Il-presenti rikors gie presentat fil-1991, mentri l-lamenteli tar-rikorrenti jirrigwardaw fatti li ġraw bejn l-1973 u l-1978. Il-kjamat fil-kawza l-Perit Michael Busuttil jissottometti li mhux f'posizzjoni li jiddefendi u jipproteġi ruħu bl-aħjar mod billi din il-kawża kostituzzjonali ġiet proposta wara li ghadda ħafna żmien mill-allegati fatti li, skond ir-rikorrenti, jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. F'dan ir-

rigward ghandu jingħad li dan il-preġudizzju ser ibatih ukoll ir-rikorrenti u b'hekk il-kjamat in kawza m'ghandux jitqies li gie zvantaġġjat. Fin-nota tagħha, Carmen Sant, li daħlet f'din il-kawża minflok żewġha Lorry Sant, li miet fil-mori tal-kawza, tissottometti li peress li għadda wisq żmien minn meta okkorrew il-lanjanzi fil-konfront ta' meta nfetħet il-kawża, kwindi ma hemmx ħtieġa attwali ta' protezzjoni u donnha li din l-azzjoni saret għaliex l-azzjoni l-oħra għad-danni kienet preskritta. Tissottometti ukoll illi l-azzjoni hija frivola u vessatorja peress li hija tardiva, u kwindi ukoll ma hemmx ħtieġa attwali ta' protezzjoni u barra minn hekk din l-azzjoni ma tistax titqies li hi wahda sabiex xi vjolazzjoni ma tkomplix issehh izda hi azzjoni għall-iskop ta' lukru. F'dan ir-rigward l-intimati jammettu li l-Kostituzzjoni mhux soġġetta għall-preskrizzjoni pero' jissottomettu li jekk il-każ jiġi mressaq wara ħafna żmien, ir-rikorrent stess ikun qed idgħajjef il-każ tiegħu.

Ir-rikorrent jgħid li r-raġuni għad-dewmien f'din il-kawża hija li l-Onor. Lorry Sant kien imexxi b'id tal-ħadid, u kien ikun hemm konsegwenzi għal min jipproċedi b'kawża. Ir-rikorrent jispjega illi huwa mar il-Ghana xi xahrejn wara li rtira minn mal-Gvern għaliex jgħid illi huwa ma setax jaħdem ta' perit hawn Malta, għaliex wara dak li għadda minnu, huwa beża li kienet ser issir xi azzjoni kontra tieghu jew l-interessi tieghu. Ir-rikorrenti jghid li huwa dam ma beda dawn il-proceduri ukoll peress li huwa ma kienx jgħix Malta, u kien jiġi Malta għal xahar biss fis-sena.

F'dan ir-rigward ghandu jinghad li fil-kawza fl-ismijiet "Il-Perit Joseph Barbara vs Onorevoli Prim'Ministru" (7 ta' Ottubru 1997) gie deciz li fin-nuqqas ta' provvediment statutorju li jirregola l-materja, l-azzjoni li torigina mill-vjolazzjoni tal-jedd fondamentali mhux soggetta ghall-ebda preskrizzjoni. Id-dewmien tal-vittma biex jagixxi ma jippregudikax id-dritt ta' azzjoni. Jista, pero', ikun fattur li jinfluwixxi fuq l-apprezzament tal-gravita' tal-allegata vjolazzjoni. Dan il-principju gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et." Kwindi, peress illi kif ġie osservat, ma tirriżultax minn imkien xi disposizzjoni legali li tistabilixxi li azzjoni bhal presenti hi soġġetta għall-

preskrizzjoni, s-sottomissjoni relattiva tal-kjamati fil-kawza ma tista qatt tigi akkolta.

**Applikabilita' tal-Kapitolu 319, li jrendi l-Konvenzjoni bhala parti mil-ligijiet ta' Malta.**

L-intimati, fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, issollevaw il-kwestjoni jekk f'din il-kawza ghandhomx japplikaw il-provedimenti tal-Konvenzjoni Ewropea. Fl-istess Kapitolu 319 hemm provdut li l-Konvenzjoni ma tapplikax ghall-allegati vjolazzjonijiet li sehhew qabel it-30 ta' April 1987. In effett l-artikolu 7 tal-Att XIV tal-1987 li bih il-Konvenzjoni Ewropea saret part integrali mill-ligi taghna jipprovdi tassattivament li ebda allegat ksur imwettaq qabel l-imsemmija data ma jista jaghti lok ghal azzjoni taħt l-istess Att. l-Qorti Civili Prim' Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-26 ta' Frar, 2004 fil-kawza fl-ismijiet “Albert Pace Cole vs Ic-Chairman tal-Maltacom p.l.c., bhala successur tal-Korporazzjoni TeleMalta” iddikjarat li l-Qorti hi espressament prekluza li tezamina allegati ksur tad-drittijiet fundamental kif stipulati fil-Konvenzjoni Ewropeav li sehhew qabel l-imsemmija data. Bl-istess mod iddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Dicembru, 2001, fil-kawża bl-ismijiet “Edwin Bartolo vs Avukat Generali' u fit-30 ta' Mejju, 2003 fil-kawża bl-ismijiet “Salvatore Abdilla vs Onor. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent et.”

Kwindi, peress illi l-atti li allegatament, skond ir-rikorrenti, jivvjolaw id-drittijiet tal-bniedem ġraw qabel April 1987, ma jeżistix poter ġurisdizzjonali, a tenur tal-imsemmi Artikolu 4, biex din il-Qorti tittratta u tiddeciedi l-allegat ksur tad-Drittijiet Fondamentali kif garantiti bil-Konvenzjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-kawża odjerna għandha tiġi ttrattata biss fil-kuntest tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fis-sens li għandu jiġi esaminat jekk dak li qieghed jillamenta minnu r-rikorrenti jikkostitwix ksur tal-Artikoli rilevanti tal-Kostituzzjoni. Gia gie stabbilit li m'ghandux jigi esaminat jekk il-lamenteli tar-rikorrenti jmorrux kontra d-disopsizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea. F'dan l-istadju l-Qorti ser l-ewwel tesamina l-artikoli tal-ligi li huma involuti f'dawn il-proceduri u sussegwentement ser jigu

esaminati t-talbiet tar-rikorrent fid-dawl tal-varji sitwazzjonijiet li l-istess rikorrenti elenka fir-rikors promotur.

Sabiex isir dan kollu, fl-ewwel lok, ghandu jigi stabbilit liema drittijiet fondamentali huma protetti bl-artikoli tal-Kostituzzjoni in kwestjoni, kif ukoll ghandu jigi esaminat jekk verament seħħitx vjolazzjoni ta' dawn id-drittijiet cioe' jekk l-agiir lamentat jammontax għall-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti fil-Kostituzzjoni.

**L-artikolu 36 – Trattament inuman u degradanti**

L-artikolu 36 (1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li l-ebda persuna ma ghandha tigi assoggettata ghall-piena jew trattament inuman jew degradanti. Dan hu wiehed mill-ftit drittijiet fundamentali li huma redatti f'termini assoluti, fis-sens li ma hemm l-ebda deroga jew eccezzjoni ghall-istess dritt kif hemm eccezzjonijiet ghal diversi jeddijiet fundamentali ohra. Il-provedimenti ta' dan l-artikolu jirreferu mhux biss għall-piena inumana jew degradanti izda ukoll għal trattament inuman jew degradanti. Il-kelma "piena" għandha konottazzjonijiet differenti mill-kelma "trattament." Id-differenza tohrog waheda mis-sinjifikat taz-zewg kelmiet u l-presenti proceduri jittrattaw biss trattament inuman u degradanti u mhux minn piena.

Fis-sentenza "Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et" gie ritenut li l-kuncett ta' trattament inuman jew degradanti m'ghandux jigi ekwiparat ghall-kuncett ta' tortura. Hu minnu li dawn huma kuncetti relatati izda, kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali, dawn iz-zewg kuncetti ghandhom jinzammu distinti (vide "Giuseppa Galea vs Segretarju tad-Djar" tal-20 ta' Lulju 1977). Fil-kawza fl-ismijiet "Antonio Pace vs Ministru tad-Djar u l-Artijiet et" deciza fis-17 ta' Ottubru 1988, il-Qorti sostniet li jekk il-vittima jkun sofra "hardship" kbir allura jkun hemm vjolazzjoni tad-dritt fondamentali protett bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. Biex ikun hemm trattament inuman jeħtieġ li jkun hemm "severe suffering" kif ukoll ghandu jirrizulta li kien hemm "a minimum level of severity." Dan l-esami huwa wieħed

relattiv u jiddependi ovvjament miċ-ċirkustanzi kollha partikolari tal-kaz. Inoltre s-“suffering” jista’ jkun kemm mentali kif ukoll fisiku.

Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet “Giuseppa Galea vs Segretarju tad-Djar” deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta’ Lulju 1977, intqal li “kwantu ghal trattament degradanti, dan, fl-aktar kliem semplici, hu trattament li gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem haddiehor. Dan il-kuncett ghadu forsi m’huwiex zvolt bizzejjed, imma l-Qorti tahseb li fih jidhol ukoll, apparti forsi elementi ohra, anki l-element tal-vjolazzjoni serja tad-dinjita’ umana tas-suggett”. Ghalhekk biex jirrizulta li kien hemm trattament inuman u degradanti ghandu jirrizulta li r-rikorrenti kien soggettat ghal agir li jeffettwa d-dinjità tiegħu.

Mid-decizjonijiet tal-Qrati taghna (inkluza d-decizjoni gia citata “Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et”) johrog car li biex trattament determinat jaqa’ taht id-disposizzjonijiet kontenuti fl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jehtieg li l-agir lamentat jilhaq certu grad ta’ gravita’, b’mod li l-gudikant sussegwentemennt ghandu jghaddi biex japplika t-test soggettiv. Il-grad ta’ gravita’ m’ghandux jitkejjel biss a bazi tal-effett li tali trattament jista’ jkollu fl-astratt fuq persuna medja normali, izda ghandu jitkejjel a bazi tal-effett li effettivament kellu dak it-trattament fuq il-persuna partikolari li tkun giet assoggettata ghalih. Ghalhekk ghandhom jigu konsidrati u ghandhom jinghataw l-importanza misthoqqa elementi bhal is-sess tal-vittima, l-eta’, l-istat ta’ sahha, l-inkapacitajiet u fatturi varjabbli ohra li jaghmlu persuna dak li effettivament hi.

**Id-diskriminazzjoni**

Id-dritt li jipproteggi kontra d-diskriminazzjoni huwa trattat fil-Kostituzzjoni fl-artikolu 45. Dan l-artikolu jistabilixxi li “ħadd ma għandu jiġi trattat b’mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta’ xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta’ xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika.” Il-kelma "diskriminatorju" hu mfisser, mill-istess artikolu, bhala “għoti ta’ trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew principalment għad-

deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn."

Fil-kawza fl-ismijiert "Dr. Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru" deciza fil-31 ta' Mejju 1999 (Vol. LXXXIII.i.163) intqal li - "Hu llum pacifiku illi hemm diskriminazzjoni meta (1) kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali, (2) jigu ttrattati b'mod differenti (inkluz permezz ta' imposizzjoni ta' inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta' privileggi jew vantaggi), (3) meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti (tali bazi objettiva u ragonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti jkun attribwibbli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post tal-origini, l-opinjonijiet politici, eccetera, tal-persuni) jew, (4) jekk ma jkunx hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita` bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat." (Vide ukoll "Il-Pulizija vs Dottor Joseph Muscat" - Prim'Awla Sede Kostituzzjonali tat-28 ta' Lulju 1989; "Avukat Dottor Tonio Borg noe vs Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura et" - deciza mill-Prim'Awla Sede Kostituzzjonali fit-2 ta' Mejju 1984 kif ukoll "Carmel Cacopardo vs Ministru tax-Xoghlijiet et.").

Sabiex jigi stabbilit jekk hemmx diskriminazzjoni ghandu jigi konsidrat jekk il-lanjant giex ittrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi (*in pari condizione*) gie ttrattat mod iehor. Fi kliem iehor, irid isir paragun bejn l-izvantaggat u l-ivvantaggat fuq terren ta' cirkostanzi pari (vide "Avukat Dottor Louis Galea nomine vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Jannar 1990).

**Id-dritt tal-liberta' ta' assocjazzjoni**

Dan hu trattat fil-Kostituzzjoni fl-artikolu 42(1) li jipprovdi li "hadd ma ghandu jigi mfixkel fit-tgawdija tal-liberta` tieghu

ta’ ghaqda u assocjazzjoni pacifika, jigifieri, id-dritt tieghu li jinghaqad pacifikament u liberament u jassocja ma’ persuni ohra u b’mod partikolari li jifforma jew jappartjeni lil “trade union jew assoċċjazzjonijiet oħra.”

Ir-rikorrent jallega li fil-konfront tieghu ġie vjolat id-dritt li jingħaqad paċifikament u liberament u li jassocja ruħu ma’ persuni oħra u b’mod partikolari li jifforma parti jew jissieħeb f’trade union, fi kliem iehor qed isostni li gew lesi fil-konfront tieghu l-provedimenti tal-imsemmi artikolu 42. Id-dritt sancit bl-imsemmija provedimenti gie definit mill-Qrati taghna kif gej:-

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tal-31 ta' Ottubru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet “Malta Union of Teachers et vs Is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru et” irriteniet li d-dritt li persuna tassoċja ruħha ifisser b’mod partikolari li tifforma parti minn trejdunjin. Kemm fl-artikolu tal-Kostituzzjoni kif ukoll f’dak tal-Konvenzjoni, il-formazzjoni ta’ u s-shubija fi trade unions hija moghtija certa enfasi. Din l-enfasi fuq il-kliem “trade unions” hi possibilment dovuta ghall-fatt li tali ghaqdiet ghandhom rwol vitali fil-hajja socjali u demokratika tal-pajjiz. Ma hemmx dubbju li, skond il-Kostituzzjoni, l-Istat ma jistax ifixkel, direttament jew indirettament, il-formazzjoni ta’ u l-ishubija fi “trade unions.”

Fid-dawl ta’ dawn il-kostatrazzjonijiet u principji ta’ dritt il-Qorti ser tghaddi biex jigu esaminati u analizzati l-varji sitwazzjonijiet elenkati fir-rikors promotur u kosegwentement ser jigi determinat jekk hemmx ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

**Il-kjamat in kawza l-Onor. Lorry Sant kien jirrifjuta li jiltaqa mal-Union meta kien ikun presenti r-rikorrenti**

Hu ovvju li dan l-ilment jirreferi ghall-kjamat fil-kawza l-Onor. Lorry Sant. Mill-provi, u b’mod partikolari mix-xhieda tal-Imhallef Victor Borg Costanzi, jirriżulta episodju meta kellha ssir laqgħa bejn Lorry Sant u l-Union maghrufa bhala MGPOA. Ir-rikorrent kien jifforma parti mid-

delegazzjoni tal-Union li kellha tiltaqa' ma' Lorry Sant pero l-Ministru saħaq li huwa ma riedx li jiltaqa' mar-rikorrent. Eventwalment il-laqgħa ma saritx peress li l-Union ma xtaqitx li l-laqgha ssir mingħajr ma r-rikorrenti jkun presenti. Dan il-fatt jista jindika li Lorry Sant kellu antipatija lejn ir-rikorrent tant li lanqas biss felaħ jissaporti jiltaqa' mar-rikorrenti jew li jkun f'laqgha fejn ir-rikorrenti kien presenti. L-istess episodju jitfa' dawl ukoll fuq l-imġieba tal-Ministru Sant li ċertament tista tinghad li tammonta ukoll ghal nuqqas ta' edukazzjoni u nuqqas ta' etika u turi kif Sant kien jittratta l-impjegati tiegħu u kif kien imexxi l-Ministeru tiegħu. Madankollu ma jistax jingħad li dan l-aġir, li certament mhux desiderabbli, jammonta għall-ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

**Il-kjamat fil-kawza l-Onor. Lorry Sant kien ghamel allegazzjonijiet kontra r-rikorrenti taht l-immunita' parlamentari u dan fil-1973, u fil-1974, kif ukoll waqt is-sospensjoni mix-xoghol tal-periti impjegati mal-gvern.**

Dan huwa ilment ieħor dirett kontra l-Ministru Sant. Ir-rikorrenti pproducja diversi estratti minn dibattiti parlamentari fejn il-Ministru tkellem b'mod dispreġattiv dwaru (vide fol.142). Jidher li r-rikorrenti stieden lill-Ministru Sant sabiex jirripeti dawn l-akkużi barra l-Parlament u cioe' mingħajr l-immunita' Parlamentari u b'hekk ir-rikorrenti ikun jista' jieħu l-passi opportuni. Jidher ukoll li l-kjamat fil-kawza qatt ma rripeta l-allegazzjonijiet tieghu barra mill-parlament. Inoltre, ir-rikorrent jgħid li dwar dak li gie allegat fil-konfront tieghu qatt ma ittieħdu passi, lanqas dixxiplinari. Konsegwentement dawn l-istess allegazzjonijier qatt ma gew investigai u kwindi lanqas qatt ma gew ippruvati. Dan kollu juri l-attitudini tal-kjamat fil-kawza l-Ministru Sant lejnir-rikorrenti u donnu li l-Ministru ried iwaqqa u jżeblah lir-rikorrent u għal darba oħra juri l-antipatija ta' Sant versu r-riokrrent pero' zgur li dan l-agir ma jikkostitwixiex ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.

**Ir-rikorrenti kien jigi soggettat ghal diversi charges frivoli promossi mill-ministru bil-konnivenza tal-**

**kjamat fil-kawza l-Perit Michael Busuttil, li naqas fil-funzjoni tieghu ta' Kap ta' Dipartiment b'responsabilita lejn id-dipendenti tieghu**

Ir-rikorrenti jafferma li dan l-ilment jirrigwarda lill-kjamat in kawza Perit Michael Busuttil. Dan l-ilment huwa ukoll simili għal ilment li r-rikorrenti ressaq quddiem il-Kummissjoni tal-Investigazzjoni tal-Inġustizzja. Mill-provi jirrizultaw li kien hemm b'kollox seba (7) charges, bl-ewwel wahda datata 6 ta' Settembru 1973 li tirrigwarda d-dewmien mhux gustifikat ta' xogho; fdat lir-rikorrenti (fol.147), ohra bid-data tas-7 ta' April 1975 (fol.156) li tirrigwarda l-fatt li r-rikorrent telaq mill-ufficcju minghajr permess, ohra tas-7 ta' Gunju 1975 (fol.162) li nħarġet peress illi r-rikorrent telaq minn fuq ix-xoghol f'Marsaxlokk, ohra tal-31 ta' Mejju 1976 (fol.176) li titratta l-fatt li r-rikorrent attenda l-Qorti meta qal li kien sejjer iżur lid-Deputy Director, ohra tas-27 ta' Awwissu 1977 (fol.188) dwar il-fatt li r-rikorrenti ma kienx id-dar meta kien bis-"sick leave" u ohra tal-10 ta' Ottubru 1977 (fol.189) li tirrigwarda l-fatt li r-rikorrent telaq minn Għawdex mingħajr permess.

Inharget charge ohra dwar is-sospensjoni tal-periti li kienu impjegati mal gvern. Ghandu jinghad li ghar-rigward ta' din l-ahhar charge cioe' dwar il-każ tas-sospensjoni tal-periti, id-Dipartiment kien iggwidat mill-parir ta' wiehed mill-avukati fl-ufficju tal-Avukat tar-Repubblika, li kkonkluda li l-kaz in kwestjoni kien wiehed ta' dixxiplina u kwindi d-direttur tad-Dipartiment, cioe' l-kjamat fil-kawza l-Perit Michael Busuttil ma kellux triq ohra ħlief li jiehu l-passi neċessarji u opportuni. Jiirriżulta li r-rikorrenti kien qiegħed jiġi sorveljat b'mod strett ħafna u mill-qrib u ghalhekk saru diversi charges fil-konfront tieghu. Infatti ix-xhud il-Perit Joseph Degaetano (seduta tal-Hamis, 30 ta' Lulju 1998) xehed illi l-Ministru kien qisu "watchdog" fuq ir-rikorrenti..

Jirrizulta ukoll mill-provi li fil-Ministeru ta' Sant kienet użanza u prattika li jinħarġu ħafna charges u biex toħroġ ċara l-istampa tas-sitwazzjoni ta' dak iż-żmien wieħed jista jsemmi l-irregolarita' li għadda minnha l-istess kjamat fil-

kawza il-Perit Busuttil li saħansitra tkeċċa mingħajr charge. Il-fatt li kienet l-uzanza jli inħarġu kwantita ta' charges, fiż-żmien meritu ta' din il-kawża odjerna, ma jfissirx neċessarjament li kien hemm xi haga irregolari fil-hrug tal-istess charges, b'mod partikolari dawk li nhargu kontra r-rikorrenti. Peress li hemm numru konsiderevoli ta' charges, wieħed jinduna illi l-Ministeru kien attent hafna ghal dak kollu li kien jirrigwarda r-rikorrenti. Inoltre, konsidrat il-fatt li r-rikorrent fl-aħħar inħeles minn kull akkuża kontra tiegħu, hemm is-suspett fondat li verament l-amministrazzjoni kienet qiegħda tfittex ix-xagħra fl-għaġina fil-konfront tar-rikorrenti.

Jirrizulta, pero'. li l-proċedura sabiex tinħareġ charge kif stipulata fl-Avviż Legali 98 tal-1972 (fol.714) dejjem ġiet segwita fir-rigward ta' kull charge mahruga kontra r-rikorrenti. In vista ta' dan kollu u tenut kont illi l-fatt li persuna tiġi liberata m'għandux bilforz ifisser li ma kienx hemm bażi sabiex tinħareġ charge. Dawn ic-charges pero' kienu ukoll forma ta' kif jinbdew mizuri dixxiplinari u dan dejjem skond il-ligi u kwindi ma jammontaw ghal xi ksur tad-drittijiet fondamentali.

**Fl-1 ta' Ottubru 1973 ir-rikorrenti gie impoggi f'kamra zghira bla ebda kumditajiet u bl-ordni li ma jinghata ebda xoghol u bl-ordni li ghal ebda raguni ir-rikorrenti ma seta jillarga minn din il-kamra zghira.**

L-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, f'dan ir-rigward jirrizultaw sufficjentement u difatti jirrizulta ukoll li r-rikorrenti thalla fl-imsemmija kamra zghir ghal erba' xhur u nofs shah. Dan l-ilment jidher li hu indirizzat lejn il-kjamat fil-kawza l-Onor Lorry Sant u dan in vista tal-fatt li r-rikorrenti intbagħat fl-imsemmija kamra zghira meta l-Perit Carmelo Psaila kien id-direttur filwaqt li l-Perit Busuttil kien għadu Assistant Director u Acting Director. Difatti r-rikorrent jispecifika li ma jżommx il-kjamat fil-kawza l-perit Busuttil responsabbli li huwa tpoġġa fil-kamra ż-żgħira u dan ghaliex, kif jghid l-istess rikorrenti, huwa kien jaf li din id-decizjoni kienet tal-Ministru. Ir-rikorrenti jikkonferma li l-imsemmi l-Perit Carmelo Psaila kien qallu li, f'dan ir-rigward, kollox kien sar fuq ordni tal-Ministru.

Fil-fatt x'wassal ghal din is-sitwazzjoni kien li l-Ministru Sant ried li issehh "compulsory retirement" ta' ħames (5) periti sabiex tiġi attwata reorganizzazzjoni kif ried l-istess Ministru Sant, li effettivament ordna li jekk dawn il-periti ma jitkeċċewx sa certa data l-istess periti ma kellhomx jingħataw xogħol (vide deposizzjoni tal-Perit Carmelo Psaila). Giet esebita ukoll ittra tal-Ministru Sant datata 26 ta' Settembru 1973 li biha huwa jagħti l-ordni lid-Direttur tal-Public Works "to refrain from giving them any work whatsoever" (fol.905 – Volum III). In effett it-tkeċċija ma seħħitx, pero' r-rikorrent flimkien ma perit iehor tpoġġa f'kamra żgħira bla xogħol u mingħajr faċilitajiet sanitarji. Jirrizulta li r-raġuni għalfejn ir-rikorrenti ntbagħt fil-kamra ż-żgħira hija għaliex huwa gerger fuq it-tip ta' xoghol li kien qed jinghata.

Effettivament jirrizulta ukoll li l-kjamat in kawza l-Perit Michael Busuttil intervjena f'din il-kwestjoni u kellem lill-Minsitru dwar l-anomalija ta din is-sitwazzjoni mhux normali, pero' l-Ministru ma semax minnu. Difatti l-istess kjamat fil-kawza xehed (fol.2427, VOL.VI) dwar dan u jgħid li huwa ma seta' jagħmel xejn aktar minn dak li għamel f'din il-kwistjoni.

Ordni ta' Ministru li xi impjegat jew impjegati ma jingħatawx xogħol u jintbagħtu f'kamra żgħira, hija ordni inġusta u kwindi ma jistax ikollha skop ieħor ħlief li toħloq sofferenza ("hardship") cioe' f'dan il-kaz sofferenza mentali, li l-iskop ewlini tagha hu li tbaxxi l-impjegat quddiem impjegati oħra, twaqqalu d-dinjita', tumiljah u tiddemoralizzah. Ir-rikorrent sofra dan it-trattament, li ċertament mhux ġustifikat, għal erba' xhur u nofs sħaħ. Jirriżulta hawn trattament inġust u degradanti mill-Ministru Sant li jmur kontra l-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni in kwantu dan jitkellem dwar trattament inuman u degradanti. Ghal dan il-ksur hu responsabbli unikament il-kjamat in kawza l-Onor. Lorry Sant.

Fl-opinjoni tal-Qorti fir-rigward tas-sitwazzjoni in esami jirrizulta li r-rikorrenti gie soggettat ghal trattament degradanti, li baxxa lill-istess rikorrenti quddiem terzi. Dan

zgur li jwassal ghall-vjolazzjoni serja tad-dinjita' umana tar-rikorrenti li effettwat id-dinjità tal-istess rikorrenti. L-agir in kwestjoni li minnu qed jilmenta r-rikorrenti hu ta' certu grad ta' gravita', anke konsidrat li l-istess agir kellu effetti fuq il-persuna tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti sofra "hardship," li ma jistax jinghad li huwa zghir ("severe suffering" u "a minimum level of severity").

**Ir-rikorrenti gie moghti xoghol f'Marsaxlokk u Ta' Qali, bl-ordni li ma jallontanx ruhu mill-konfini, indikati fuq pjanti u dan ghal ebda raguni, inkluzi esigenzi ufficjali tas-servizz.**

Dan l-ilment jirrigwarda lill-kjamat in kawza l-Perit Michael Busuttil. Ir-rikorrenti kkoferma li kellu ordni li ma jillargax minn fuq il-post tax-xogħol. Hu zgur li ma hemm xejn anti kostituzzjonali li impjegat jiġi ordnat ma jitlaqx minn fuq post tax-xogħol. Jingħad ukoll illi minkejja din l-ordni jirrizulta li l-Ministru Sant qabad lir-rikorrenti ħiereġ bil-karozza tieghu minn fuq il-post tax-xoghol u konsegwentement ta istruzzjonijiet lill-kjamat fil-kawza l-Perit Busuttil biex johrog charge fil-konfront tar-rikorrenti. Bħala riżultat, ir-rikorrent weħel multa ta' sittin lira Maltin (LM 60) li ġiet imnaqqsa fl-appell u revokata sussegwentament (fol 1812). In effett pero' ma hemm xejn irregolari jew illegali f'ordni lill-impjegat li ma jħallix il-post tax-xogħol tiegħu.

**Ghal snin shah ir-rikorrenti gie mibghut Ghawdex u ma setghax jigi Malta fil-granet tax-xoghol u konsegwentement ir-rikorrenti kien mizmum separat mil-familja tieghu li kienet qeghda Malta.**

Dan hu ilment li r-rikorrenti ssolleva quddiem il-Kummissjoni tal-Investigazzjoni tal-Inġustizzja u hu dirett lejn il-kjamat in kawza l-AIC Michael Busuttil. Jirrizulta li fil-1976 ir-rikorrent gie ttrasferit lejn Ghawdex u dam hemm sal-1978 meta huwa in effett ġie boarded out. Jista jinghad li jidher li fiz-zmien rilevanti ghal din il-kawza il-fatt li l-impjegati kienu jintbagħtu Għawdex kien ġieli jintuża bħal speċi ta' kastig, bħalma kien il-każ tal-Perit Herbert Debono. Madankollu, jibqa' l-fatt illi kien hemm ukoll

xogħol li kellu jsir Għawdex, u diversi periti kienu jintbagħtu biex jaħdmu hemm, fosthom il-kjamat fil-kawża l-Perit Busuttil stess. Inoltre l-ħaddiema setgħu jiġu mċaqalqa minn post għall-ieħor, dejjem skond l-esiġenzi tas-servizz, u min iservi Għawdex kienet prerogattiva tal-Gvern (ara ittra tal-ħatra a fol.2189).

Ir-rikorrent jilmenta li nżamm separat mill-familja tiegħu u kellu ordni li ma jiġix Malta mingħajr permess (fol 245). Fil-fatt inħariġlu proprju charge f'dan ir-rigward, u ċioe charge mahruġa mill-perit Michael Busuttil fit-2 ta' Novembru, 1977 bl-allegazzjoni li "fl-10 ta' Ottubru 1977 tlaqt l-ufficju tieghek f' Ghawdex ghal xi l-4.00 p.m. minghajr permess." (Dok BD 6). Dwar dan l-incident ir-rikorrent xehed (fol.136 - VOL I) – "Meta rgajt gejt mibghut Ghawdex fis-sena 1976, ghalkemm l-ordni li ma kinetx tippermettilna mmorru Malta fil-hin tax-xoghol, kienet tkopri lill-Maltin kollha fil-Public Works, ta' Ghawdex, din kienet diretta ghalija, u dan jirrizulta għax malli tlaqt mill-impjieg din id-direttiva giet mhassra." Xhud iehor in effett ikkonferma (Saviour Vella – fol.746 -Vol III) li ħaddiema Maltin ma setgħux jinżlu Malta waqt il-ħin tax-xogħol mingħajr permess.

In effett ir-rikorrenti jikkonferma li kien hemm ordni fis-sens li l-ħaddiema Maltin stazzjonati Għawdex ma setghux jiġu Malta fil-ħin tax-xogħol taghhom. Ir-rikorrent jghid ukoll li meta huwa telaq mill-Public Works, din l-ordni tneħħiet u reġa kien hemm il-konċessjoni li kienet tingħata qabel ma r-rikorrent mar Għawdex, u ċioe li l-ħaddiema jitilqu ftit kmieni nhar ta' Ġimgħa u jidħlu ftit tard nhar ta' Tnejn. (Dokument a fol.1725).. Mill-provi pero' jirriżulta bil-kontra. Il-konċessjoni kienet fis-seħħ fl-14 ta' Frar 1977, jiġifieri meta r-rikorrent kien jaħdem Għawdex u tneħħiet fis-17 ta' Ottubru 1978, u ċioe wara li huwa kien laħaq telaq. Ghalhekk din il-konċessjoni ma tneħħietx meta r-rikorrent kien Għawdex iżda tneħħiet wara li huwa kien telaq. Irid jingħad ukoll li l-fatt li l-ħaddiema jitilqu kmieni il-Ġimgħa u jidħlu tard it-Tnejn kienet koncessjoni u mhux dritt. A fol.1818 - Vol V, ġiet esebita ittra datata 22 ta' April 1977 li proprju titkellem dwar din il-konċessjoni.

La darba l-ordni li l-ħaddiema kellhom bżonn permess sabiex jitħallew jiġu Malta kienet tapplika għall-ħaddiema Maltin kollha stazzjonati Għawdex, zgur li l-istess ordni ma kienitx qed tiddiskrima kontra r-rikorrenti. In oltre ma hemm xejn irregolari li impjegat ma jitħalliex jinżel Malta minn Għawdex fil-ħinijiet tax-xogħol, salv ovvjament f'kazijiet eccezzjonali, ghal raguni valida u jekk l-impjegat ikollu permess li jagħmel dan (ara fol.245). Ir-rikorrent ma ppruvax li dan il-permess ma kienx jingħata' lilu u kien jinghata lill-kollegi tiegħu Maltin li kienu jaħdmu Għawdex.. Hu veru li hi forma ta' tbatija li ħaddiem jinżamm separat mill-familja tieghu, pero' f'dan ir-rigward ir-rikorrenti ma pproducja ebda prova biex juri li huwa kien qed jigi trattat b'mod differenti minn kif kienu qed jigu trattati kollegi tieghu fl-istess sitwazzjoni tieghu. Ir-rikorrenti seta facilment jara' lill-familtu fit-tmiem il-ġimgħa. Ir-rikorrenti naqas li jesibixxi l-iskeda tal-hinijiet tal-vapur ta' Għawdex biex juri dak li allega u cioe' li huwa ma setax jigi Malta la fil-hinijiet tax-xoghol u anqas wara x-xoghol, ghax kien jitlef il-vapur bi ftit minuti.  Kwindi hawnhekk ma jirriżulta xejn anti kostituzzjonali.

**Ir-rikorrenti ma thallix jattendi l-Qorti ghall-kawzi tieghu, tant li kellu jitlob l-intervent tal-Qorti.**

Dan l-ilment jirrigwarda l-kjamat in kawza l-Perit Michael Busuttil. Ir-rikorrenti jallega li ma kienx jingħata permess biex jattendi l-Qorti ghall-kawzi tieghu personali. Kien jeħtieġlu jagħmel kull darba talba sabiex jitħalla jattendi l-Qorti u jghid li kien ikollu bżonn japplika għall-vacation leave sabiex jitħalla jitla' l-Qorti. Il-kjamat fil-kawza l-Perit Michael Busuttil jiċħad dan u jgħid li r-rikorrent fil-fatt kien jitħalla jattendi l-Qorti anke in konnessjoni ma' kawżi privati tiegħu. Id-dokument li jinsab fol.246 juri li fit-3 ta' Marzu 1978 ir-rikorrent attenda l-Qorti. Mill-provi jirrizulta li f'okkażjoni waħda biss ir-rikorrent ma tħalliex imur il-Qorti u dan il-permess ma ngħatax fuq parir tal-ufficju tal-Avukat Generali li sostna li sabiex tinqara sentenza tal-Qorti,  il-preżenza tal-partijiet ma kienetx meħtieġa. Li wiehed jitlaq minn fuq ix-xogħol biex jattendi ghall-kawża personali mhuwiex dritt u ċertament li hawnhekk lanqas ma jirriżulta xi ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrenti.

**Id-Dipartiment ha passi biex ismu jithassar mill-lista tal-gurati, biex zgur ma jkunx jista jiccaqqlaq.**

Jista jinghad li generalment ma jsirx ilment f'dan is-sens anzi l-impjegat ikun kuntent li jigi mhassar minn fuq il-lista tal-gurati. Dan l-ilment li jirrigwarda b'mod ġenerali lill-kjamat in kawza l-Perit Michael Busuttil. Xhud qal li kien hemm eżenzjoni tal-impjegati tad-Dipartiment li jservu ta' ġurati u dan minħabba ċerti esiġenzi tax-xogħol fosthom pressjoni ta' xogħol, kariga, proġetti u jekk ikunu stazzjonati Għawdex. L-ilment tar-rikorrent hu fis-sens li kien fuq il-lista tal-gurati pero' tneħħa u jgħid li dan sar biex huwa ma jiċċaqlaqx mill-post tax-xogħol mentri jidher li almenu kienet usanza li dawk il-ħaddiema stazzjonati Għawdex ma kienx kompatibbli ghalihom li jservu ta' ġurat. Dan kollu jidher li sehh f'Ottubru 1977 u cioe' fil-perjodu meta r-rikorrent kien qiegħed iservi ġewwa Għawdex. In vista ta dan kollu ma jirriżulta ebda ksur tad-drittijiet tar-rikorrent.

**Ir-rikorrenti ma thalliex jaqdi il-funzjonijiet sindakali tieghu, b'mod li biex isiru laqghat ufficjali dwar materji direttament rikjesti mill-Prim' Ministru, kellu jittiehed permess specjali minn Kastilja.**

Dan l-ilment ukoll hu dirett lejn il-kjamat in kawza l-Perit Michael Busuttil. Ir-rikorrent kien trejdunjonista u kien jiġġieled b'mod specjali għall-interessi tal-Periti impjegati mal-gvern. Ir-rikorrenti kien ukoll ha sehem fi strikes. Ir-rikorrent jallega li huwa ma kienx jitħalla jinżel Malta minn Għawdex biex jaqdi l-funzjonijiet trejdunjonistiċi tiegħu.

Rigward xogħol trejdunjonistiku minn ħaddiema li jservu ġewwa Għawdex, intqal li l-użanza kienet, kif spjegat minn Edmond Micallef (fol.398 – Vol.I), li "l-Unions konna nippretenduhom li jekk ghandhom jaghmlu l-laqghat jaghmluhom "after office hours" u mhux fil-hinijiet tal-ufficcju. Diversi drabi gara li kella ssir laqgha fuq xi haga urgenti u jista jkun li kien ikun fl-interess tal-Gvern li tali laqgha ssir. F'dan ikl-kaz, jghid l-istess xhud, kien jinghata permess pero' din ma kienitx haga normali (fol.252).

Jinghad ukoll li meta r-rikorrenti ntbagħat Għawdex ma kienetx l-intenzjoni li ir-rikorrenti jiġi deprivat milli jwettaq il-funzjonijiet sindikali tiegħu.

Ir-rikorrenti, da parti tieghu, isemmi istanza partikolari fejn is-Segretarju tal-Union kellu jċempel lill-uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex huwa jitħalla jattendi laqgħa partikolari. F'dan ir-rigward Maurice Agius xehed illi kien hemm okkażjoni fejn ir-rikorrent inżamm milli jattendi għall-laqgħa. Din kienet seduta importanti u kellhom iċemplu Kastilja sabiex ir-rikorrenti jinghata peremess li jattendi. Dwar dan l-incident il-kjamat fil-kawza Perit Busuttil jgħid li huwa ma kienx fl-ufficju tieghu meta intalab il-permess sabiex ir-rikorrent jattendi laqgħa Kastilja. Fil-fatt ma giex ippruvat li kien l-istess kjamat fil-kawża li żamm lir-rikorrent milli jattendi ghal din il-laqgha partikolari. In oltre jirrizulta li finalment ir-rikorrenti attenda għall-laqgħa in kwestjoni.

Ma ġiex ippruvat illi r-rikorrent ma tħalliex iwettaq ix-xogħol sindakali tieghu. Ir-rikorrent kien membru sindikali attiv u, kif gia rilevat, kien anke ħa sehem fi strikes. Ma jirriżultax li r-rikorrent intbagħat Għawdex biex ma jitħalliex jaqdi funzjonijiet sindikali, u fir-rigward tat-twettieq tax-xogħol sindikali tiegħu meta kien Għawdex, jingħad illi r-regoli kif xehed dwarhom Edmond Micallef kienu japplikaw għal kulħadd u mhux għar-rikorrent biss. Kwindi hawn ma hawn ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.

**Ir-rikorrenti nghata numru sproporzjonat ta' transfers, kemm fis-section tieghu kif ukoll minn Section ghall-ohra.**

Dan ukoll hu ilment simili għall-ilment imressaq quddiem il-Kummissjoni tal-Investigazzjoni tal-Inġustizzja u jirrigwarda l-kjamat in kawza Michael Busuttil. F'dan ir-rigward ir-rikorrentui isemmi numru kbir ta' transfers li huwa qala, u jgħid li l-ebda perit ma gie trsferit daqs kemm gie trasferit hu. Xhud, li gie presentat l-affidavit tieghu, (Vincent Privitera) ikkonferma li l-Ministru Sant kellu d-drawwa li jagħti transfers vendikattivi kif ukoll li

kien iħobb jhedded bit-tkeċċija. Generalment it-“transfers” huma prerogattiva ta’ min ikun qed imexxi d-Dipartiment, pero’ jirriżulta mill-provi li dan id-dritt ħadu f’idejħ il-Ministru. Jirriżulta ukoll “transfers” setgħu jingħataw skond l-esiġenzi tas-servizz. Fl-ittra tal-ħatra (fol.2189 - Volum V) jissemma li kull impjegat huwa soggett ghal transfer “skond l-esigenzi tas-servuizz.” Ghalhekk il-Gvern ghandu d-dritt li jibgħat lill-impjegat fejn ikun hemm bżonn u fejn hu necessarju.

Ma saritx prova sabiex ikun jista’ jsir paragun bejn kemm il-darba gie trasferit u kemm il-darba gew trasferiti periti ohra impjegati mal-Gvern. Ghalhekk ma jistax isir paragun, biex jigi stabbilit li r-rikorrenti gie trasferit numru ta’ drabi eċċessiv meta mqabbel mal-kollegi tiegħu periti. Kwindi ma jistax jinghad li n-numru ta’ transfers li ssubixxa r-rikorrenti jirrispekja diskriminazzjoni fil-konfront tieghu u ghalhekk ma ġiex ippruvat ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.

**Ir-rikorrenti ma kienx jinghata “leave.”**

Ir-rikorrenti sostna li ukoll meta talab li jiehu gurnata wahda “leave” dan kien jigi rifjutat miz-zewg kjamati fil-kawza. Dan l-ilment ukoll tressaq ghall-konsiderazzjoni quddiem il-Kummissjoni tal-Investigazzjoni tal-Inġustizzja u ukoll jidher li hu dirett kontra l-kjamat in kawza Perit Michael Busuttil.

Il-gia imsemmi xhud Edmond Micallef spjega li ma kienx hemm dritt awtomatiku għall-“vacation leave” u dan kien jingħata skond l-esiġenzi tas-servizz (vide fol.361) - “Kif inhu r-regolament illum ma nistax nghid. Pero dak iz-zmien li ghalih tirreferixxi l-kawza, zgur li ma kienx hemm dritt awtomatiku ghal ‘vacation leave.’ Anzi l-paragrafu vis-à-vis il-leave kien jghid li l-‘leave is not a right and it can only be availed of if the exigencies of the service so permit.” Kwindi effettivament il-“vacation leave” kien jingħata skond l-esiġenzi tas-servizz. Mhux biss li l l-“leave” ma kienx dritt, izda ukoll l-għoti tal-leave kienet fid-diskrezzjoni tal-Ministru koncernat (affidavit ta’ Vincent Privitera). In effett il-leave kien jiġi approvat mis-segretarju

fil-Ministeru wara approvazzjoni tal-Ministru stess. Generalment il-Ministru ried li x-xogħol jitlesta u effettivament li jitlesta kemm jista jkun malajr u kwindi meta kien ikun hemm xi “deadline,” ma kienx jiġi approvat “leave.”

Jirrizulta li r-rikorrenti ghamel diversi talbiet sabiex jinghata l-“leave” pero’ t-talbiet kollha tieghu ġew miċħuda. Il-“leave cards” relattivi ghar-rikorrenti ma nstabux, pero’ b’referenza għal sentenza tat-Tribunal tal-Investigazzjoni tal-Inġustizzja, jirrizulta li r-rikorrenti ħa 33 jum ta’ leave fl-1972, 60 jum ta’ leave fl-1973, 11-il jum ta’ leave fl-1974, 33 jum ta’ leave fl-1975 u fl-1976 u fl-1977 rispettivament (fol.1260). Jidher li r-rikorrenti effettivament utilizza l-leave tiegħu, jew f’certi snin parti mill-granet “leave” li kien intitolat ghalih. Ghalhekk in vista tal-fatt li l-“leave” kien jingħata skond l-esiġenzi tas-servizz u mhux bid-dritt, ma jistax jirrizulta li hemm ksur tad-drittijiet fondamentali.

**Qabel il-1974 meta d-Dipartiment, bil-Perit Psaila bhala Direttur kien gia approva gimgha leave biex ir-rikorrenti isiefer mal-familja, gie ordnat stop-leave ghall-periti kollha. Din l-ordni tnehhiet l-ghada tal-gurnata li fiha r-rikorrenti kellu jsiefer b’ mod li s-safra giet sfrattata.**

Dan huwa ilment indirizzat lejn il-kjamat fil-kawza l-Onor. Lorry Sant. Il-kjamat fil-kawża l-iehor il-Perit Michael Busuttil irrileva li dan l-incident gara meta huwa ma kienx id-Direttur tad-Dipartiment.

Kif gia gie rilevat il-“vacation leave” kien jingħata skond l-esiġenzi tas-servizz u ma kienx bi dritt li impjegat jinghata l-istess “leave.” Il-koncessjoni tal-“leave kienet fid-diskrezzjoni tal-amministrazzjoni tad-Dipartiment u indirettament kienet decizjoni tal-Ministru. Kosegwentement anke f’dan il-kaz ma jirrizultax li gew lezi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

**Fil-1978 ir-rikorrenti gie imwissi li kien ser jitkecca mill-impieg tieghu jekk fi zmien erba’ (4) xhur ma**

**jlestix ix-xoghol tieghu konness mal-"Pumping Station" tax-Xlendi**

Dan l-ilment jidher li hu dirett lejn iz-zewg kjamati fil-kawza. Ix-xoghol fuq l-imsemmija "pumping station" kien gia beda meta r-rikorrenti nghata l-inkarigu biex jiehu hsieb l-istess xoghol. Meta r-rikorrenti beda jahdem fuq din il-bicca xoghol kien gia beda jitthaffer is-sump, kif ukoll kien sar parti mit-trenching u dan taħt is-sorveljanza ta' perit iehor. Inoltre x-xoghol relattiv ghall-katusi kien tlesta u t-trinek kienu lesti ukoll. Ir-rikorrenti daħal f'dan il-proġett ċirca sentejn wara li l-istess progett kien inbeda.

Mill-provi jirriżulta li x-xogħol tax-Xlendi kien jitqies bħala xogħol żgħir.  Il-Perit Joseph Degaetano (seduta 6 ta' Lulju 1998) xehed illi l-proġett tax-Xlendi "was a minor one." Biex tinghata indikazzjoni tad-daqs tal-proġett tax-Xlendi dan kien jigi mqabbel mal-progett tax-Xemxija, li in effett kien ħafna akbar. Ir-rikorrent jammetti li x-xogħol in kwestjoni kien żgħir pero huwa izid jghid li l-progett kien fih diffikultajiet kbar. Dawn id-diffikultajiet fil-proġett tax-Xlendi kienu principalment konnessi ma skular ("seepage") ta' ilma. Ghalhekk kien importanti li jkun hemm "generator" u pompi biex jitneħħa l-ilma u d-drenaġġ.

Fl-isfond ta' dawn il-fatti u ċioe' li l-proġett kien żgħir pero' kellu d-diffikultajiet tiegħu u li l-progett kien gia nbeda meta daħal fix-xena r-rikorrent, il-Ministru Sant ghamel "target dates" li fihom il-progett kellu jigi finalizzat. Jirrizulta, minn dak li ddepona l-imsemmi Perit Joseph Degaetano, li kien il-ministru li ffissa l-imsemmija dati. Jirrizulta ukoll li r-rikorrenti gie mwissi li jekk ma jlestix ix-xogħol sad-dati ffissati  huwa kien ser jitkeċċa mill-impieg. Wara li gew iffissati l-imsemmija dati l-kjamat fil-kawza l-Perit Busuttil ordna li tinghata ghinuna lir-rikorrenti u hekk sar. Konsegwentement jidher li bl-intervent ta' impjegati ohra x-xoghol tkompla u tlesta.

Dwar dan il-progett ir-rikorrenti kien gie mwissi l-ewwel darba f'Jannar 1978. Din l-ewwel twissija inħarġet fuq ordni tal-Ministru stess (fol.1105). Sussegwentement, fi

Frar 1978, ir-rikorrenti nghata twissija tat-tkeċċija (fol.540). Jirriżulta, pero' li r-rikorrenti telaq mill-impieg tieghu qabel id-data ffissta u li fiha x-xoghol kellu jitlesta. Fil-fatt ir-rikorrenti ħareġ "on sick leave" fit-28 ta' Mejju 1978 u sussegwentament ġie "boarded out."

Fir-rigward ta' dan l-incident ir-rikorrenti jilmenta li kull meta kien isemmi xi problemi li kien iltaqa maghhom in konnessjoni max-xoghol tax-Xlendi, l-kjamat fil-kawza il-Perit Busuttil kien jgħidlu "dik affarik." Ir-rikorrenti jghid ukoll li kien ghalhekk li huwa  kien jibgħat kopja tar-rapporti tieghu lill-istess kjamat fil-kawza u dawn ir-rapporti kienu jinkludu l-problemi li kien jiltaqa' magħhom ir-rikorrenti fix-Xlendi. Ir-rikorrenti jsostni li l-finalizzazzjoni ta' dan il-progett ma kienitx tiddependi minnu imma kienet tiddependi fuq il-provvediment tal-makkinarju neċessarju.

Dan kien progett gia avvjat meta r-rikorrent inghata l-istruzzjonijiet biex jiehu hsieb l-istess progett. Dan kien xogħol li kien ikkonsidrat bhala "progett zghir" u cioe' ma kienx jinvolvi hafna xoghol pero' jista jkun li kellu d-diffikultajiet tieghu, bhal del resto ikollu kull xoghol iehor. Ir-rikorrenti ngħata għajnuna sabiex ikun jista ilestih.  Hu minn li r-rikorrenti nghata "deadline" ta' erba' xhur bil-konsegwenza tat-tkeċċija jekk id-"deadline" ma tinzammx u jista jkun ukoll li min ha d-decizjoni li tigi ffissta data li fiha x-xoghol kellu jitlesta ma kellux l-abilita' teknika sabiex jiehu l-istess decizjoni u biex jigi stabbilit zmien ragjonevoli li fih il-progett kellu jkun finalizzat  F'dawn ic-cirkostanzoi kollha pero' fl-opinjoni tal-Qorti  ma jirriżultax li l-ahhar twissija ma kienitx raġonevoli jew li b'xi mod tivvjola d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.

**Ir-rikorrenti kien l-uniku Perit li ma thalliex jiffirma ir-"Reorganisation Exercise" nonostante li kellu kull dritt li jaghmel hekk**

Dan l-ilment ukoll gie sottomess ghal konsiderazzjoni tal-Kummissjoni tal-Investigazzjoni tal-Inġustizzja u jidher li hu dirett lejn iz-zewg kjamati in kawza. Il-file dwar l-imsemmija "reorganisation" ma nstabx. L-eżerċizzju tar-"reorganisation" kien jikkonsisti fi ftehim kollettiv li kellu jigi

iffirmat mill-ħaddiema tal-Gvern. Ir-rikorrenti, pero', primarjament ma setax jiffirmah peress li fiż-żmien meta kellu jigi ffirmat huwa kien bis-"sick leave." Ir-rikorrenti, effettivament, kien jidher fil-lista tal-firmatarji. Meta r-rikorrenti rritorna għax-xogħol huwa kiteb lid-Dipartiment u anke ppresenta ittri uffiċjali sabiex jitħalla jiffirma r-"reorganisation agreement." Huwa, pero', gie informat li bl-ordni tal-Ministru Sant huwa seta biss jara' l-ftehim pero huwa ma kienx ser jitħalla jiffirmah. F'dan ir-rigward il-kjamat fil-kawza Busuttil jgħid li mhux ir-rikorrenti biss ma iffirmax ir-"reorganisation agreement" u dan il-fatt ma giex kontestat mir-rikorrenti.

Ghar-rigward tal-kjamat fil-kawza Busuttil l-ilment tar-rikorrenti, dwar dan l-incident, hu fis-sens li l-imsemmi kjamat fil-kawza kien id-Direttur u ghalhekk kien responsabbli għall-impjegati tiegħu. Inoltre jsostni li l-iffirmar tal-ftehim hi proċedura amministrattiva dipartimentali u mhux waħda ministerjali u għalhekk dan l-incident jaqa primarjament fir-responsabilita' ta' Busuttil. Ir-rikorrenti, pero' mhux qed jilmenta li l-kjamat fil-kawża Michael Busuttil ma ħallhiehx jiffirma l-ftehim, iżda li l-istess Perit Busuttil naqas fid-doveri tieghu bhala direttur fil-konfront tieghu. Il-Perit Busuttil jgħid li r-rikorrent kiteb lid-dipartiment darbtejn fuq dan l-incident, u cioe' l-ewwel darba fid-29 ta' Settembru 1978 u umbghad fid-9 ta' Ottubru 1978. Sussegwentement fil-1988 (fol.2255), meta Busuttil kien spiċċa minn Direttur, il-Ministru xorta ma ħalliex lir-rikorrenti jiffirma. Skond ir-rikorrenti r-responsabilita' tal-kjamat fil-kawża Michael Busuttil semmai ma kinitx diretta. Xhud (Joseph Torpiano) qal li fi kwalunkwe kas ir-rikorrenti ma kienx ser jitħalla jiffirma fuq "superior orders."

Ir-responsabilita ta' din is0sitwazzjoni ghalhekk hi tal-kjamat in kawza Busuttil. Ir-rikorrent isostni li bhala konsegwenza li ma tħallhiex jiffirma r-"reorganisation agreement", periti li kienu "junior" tieghu u li tħallew jiffirmaw il-ftehim ħadu promozzjoni għal "senior engineers" konsegwentement ir-rikorrenti jsostni li saret diskriminazzjoni fil-konfront tieghu. Difatti jirrizulta li r-rikorrenti baqa fil-grad ta' "basic engineer." Skond ir-

rikorrenti qabel ir-riorganizzazzjoni huwa kellu “placement” in generali bhala “periti” u kien imnizzel qabel periti oħra u kwindi huwa kellu “seniority” ghar-rigward ta’ periti li kienu imnizzlin warajh. Wara r-riorganizzazzjoni periti li kienu jigu wara r-rikorrenti, telghu fi l-grad taghhom mentri huwa baqa bhala “perit” meta kellu dritt għal professional II jew III appuntu bhal l-imsemmija periti l-ohra li kienu ffirmaw il-ftehim. Huwa ma telghax fil-grad peress li baqa ma ffirmax l-istess ftehim. Kwindi l-ilment tar-rikorrenti hu fis-sens li billi ma tħallhiex jiffirma, huwa gie imċaħħad mill-possibilita’ ta’ promozzjoni u ta’ salarju ikbar. Ghandu pero’ jigi notat li l-promozzjon ma kinitx issegwi awtomatikament kieku r-rikorrenti ffirma l-ftehim.

Irid jingħad ukoll illi għalkemm ir-rikorrent kellu l-grad ta’ “basic engineer” qabel ir-riorganizzazzjoni, dan l-istess grad bl-istess riorganizzazzjoni ġie mibdul fil-grad ta’ “professional officer 1” u għall-finijiet ta’ pensjoni, r-rikorrenti ġie assimilat b’effett retroattiv fil-grad ta’ professional officer 1 u ghalhekk huwa irċieva pensjoni fuq il-bażi ta’ “professional officer 1.”

Nonostante dan kollu xorta jibqa’ l-fatt li meta jsir il-paragun ‘like with like’, jirriżulta illi l-periti kollegi tar-rikorrent tħallew jiffirmaw, mentri r-rikorrent, mingħajr ebda ġustifikazzjoni jew raguni valida, ma tħallhiex jiffirma (fol.523). Kwindi jirrizulta li kien hemm trattament differenti fir-rigward tar-rikorrenti meta jigi mqabbel mat-trattament li nghata lill-periti li kienu fl-istess grad tar-rikorrenti jew anke gradi warajh u dan bla ebda ġustifikazzjoni jew raguni għaliex kien hemm tali trattament differenti. Ghalhekk jirrizulta sufficjentement li kien hemm lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti bl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u dana minn naha tal-kjamat fil-kawza l-ex Minuistru Lorry Sant. Il-lezjoni ma tirrizultax sufficjentement fil-konfront tal-kjamat fil-kawza l-iehor stante li jirrizulta li fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti ma kienx ser jithalla jiffirma l-ftehim fuq ordnijiet superjuri.

Fil-kawza fl-ismijiet “Joseph Galea vs Onor Ministru tax-Xogħolijiet Pubbliċi” (28 ta’ Ottubru 1985) il-Qorti Kostituzzjonal irreteniet li “ in tema legali jingħad … li

mhux kull differenzazzjoni jew disugwaljanza ta' trattament huwa per se diskriminazzjoni entro l-projbizzjoni tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Fi kliem ieħor, il-kunċett ta' ugwaljanza ta' trattament ma jistax jiġi estiz fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat miċ-ċirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qed tiġi ezaminata. Differenzazzjoni, biex tkun leġittima, trid tirpoza fuq kazi objettivi u raġjonevoli, tenut kont tal-għan u effetti tal-mizura in ezami, u jrid ikun hemm rapport ragjonevoli ta' proporzjonalita bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat."

Ma hemm ebda raġuni plawsibbli għaliex ir-rikorrenti ma tħallhiex jiffirma. Id-diskriminazzjoni allegata mir-rikorrent ġiet ippruvata. Il-fatt li għall-finijiet tal-pensjoni, ir-rikorrent ġie assimilat fil-grad ta' "Professional Officer I" ma tnaqqas xejn mill-vjolazzjoni tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Id-diskriminazzjoni laħqet saret meta r-rikorrenti ma tħalliex jiffirma.

**"Compulsory retirement" fir-riorganizzazzjoni li ried il-Ministru**

Ir-rikorrent, fl-affidavit tieghu, jaccenna ukoll ghall-kwistjoni tal-"compulsory retirement." Ix-xhud Perit Carmelo Psaila qal li l-Ministru kien ordnalu biex jagħti l-"compulsory retirement" lill-ħames periti. F'dan il-kuntest u fuq dan is-soggett tissemma laqgħa li saret Kastilja bejnl-istess xhud Carmelo Psaila u ufficjali gholja tac-Civil ta' dak iz-zmien. Giet esebita ittra datata  26 ta' Settembru 1973 (fol.905) fejn ġiet ordnata t-tkeccija tal-hames periti, bil-firma tal-Ministru Lorry Sant. Din l-ittra kienet tghid kif gej:-

"Director of Public Works. 26th September 1973. Herewith attached please find a copy of a letter sent to the administrative secretary in connection with the re-organisation of the Public Works Department with a request to terminate the employment of five engineers under the compulsory retirement for the purpose of facilitating the improvements in the organisation of the department. The re-organisation of the department as

outlined in the next chart shall come into effect on 1st October 1973 at 8.00 in the morning. If by that date the termination of employment of the five engineers has not taken place you are instructed to refrain from giving them any work whatsoever."

Ix-xhud Vince Privitiera, s-segretarju privat tal-Ministru, kkonferma li l-Ministru Lorry Sant ried li ssir il-"compulsory retirement" u b'hekk jitkeccew mis-servizz bil-pensjoni ta' hames (5) periti fosthom ir-rikorrenti. Il-kwistjoni ta' "compulsory retirement" bdiet taht id-Direttur Carmelo Psaila u bhala Deputy Director kien hemm il-perit John Gambina filwaqt li l-Assistant Direttur kien il-kjamat fil-kawza l-Perit Michael Busuttil.

Jidher min dan li l-ex Ministru Lorry Sant kien pjuttost ahrax fil-konfront tar-rikorrenti u kien lest li jaghmel kollox biex ifixkel u jdejjaq lill-istess rikorrenti. Difatti jista jinghad li l-istess Ministru kien pjuttost abbużiv u diskriminatorju fil-konfront tar-rikiorrenti. Ġara pero li l-ebda Direttur ma kien dispost jiffirma l-"compulsory retirement" tal-periti inkluz ir-rikorrenti u effettivament, kontra r-rieda tal-Ministru, ririkorrenti u l-periti l-ohra ma gewx imgieghla jirtiraw mill-impieg ttaghhom mal-Gvern. Ghalhekk eventwalment ma saret ebda azzjoni fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk zgur li ma tistax tirrizulta ebda vjolazzjoni tad-drittijiet tal-rikorrenti pero' ghandu jigi nutat li ma saret ebda vjolazzjoni mhux ghaliex hekk ried il-Ministru.

**Ir- rikorrenti jilmenta li huwa kien inghata xogħol eċċessiv**

Ir-rikorrent isemmi li l-volum enormi ta' xogħol li kien jinghata x'jaghmel. Dan il-fatt ġie rikonoxxut ukoll mill-Bord ta' Dixxiplina. Ir-rikorrenti jgħid li dan il-volum enormi ta' xogħol affettwalu saħħtu, pero jgħid ukoll li hawnhekk kien hemm biss l-involviment tal-Ministru Lorry Sant u mhux tal-Perit Michael Busuttil. Hu rilevanti li jigi rilevat li l-Perit Carmelo Psaila xehed li fil-fatt il-ħaddiema kollha fid-Dipartiment tax-Xogħolijiet kellhom ħafna xogħol.

Konsegwentement ma jista jirrizulta xejn lesiv tad-drittijiet fondamentali b’referenza partikolari ghad-diskriminazzjoni.

**Ir-rikorrent jilmenta ukoll li huwa ma ngħatax akkomodazzjoni f’Għawdex.**

Giet prodotta ittra tar-rikorrenti fejn talab li huwa jinghata akkomodazzjoni gewwa r-Rabat Ghawdex (fol.258). Din it-talba ġiet miċħuda, u r-raġuni li ngħatat għal din iċ-ċaħda kienet “since your transfer to Gozo is not on a permanent basis and you may be recalled to Malta in the future, your request cannot be aceded to.” Ir-rikorrenti jagħmel riferenza għall-każ tal-Perit Herbert Debono li lilu ngħatat akkomodazzjoni. Dan ġie konfermat mill-istess Perit Debono (seduta 20 ta’ Ġunju 2002 - fol.1398). Ma jirrizultawx pero’ l-kriterji applikabbli biex impjegati tas-Servizz jinghataw akkomodazzjoni ġewwa Għawdex. Ghalhekk ma jistax isir paragun bejn dawn il-kriterji u t-trattament li rċieva r-rikorrent. Lanqas ma ġiet imfissra t-terminologija “on a permanent basis” u ma saritx referenza ghal xi kaz fejn impjegat ieħor intbghat Ghawdex temporaneament u nghata akkomodazzjoni. Kwindi peress li hemm nuqqas ta’ provi anke, f’din is-sitwazzjoni, ma jistax jiġi deċiż jekk kienx hemm xi trattament antikostituzzjonali fil-konfront tar-rikorrenti.

**L-ilment tar-rikorrent fis-sens li huwa nqabeż għall-dak li jirrigwarda promozzjonijiet**

Il-promozzjonijiet kienu qed jiġu ikkunsidrati fl-kors tas-sena 1978 (fol.1586 -1591). Jirrizulta ukoll li fl-imsemmija sena r-rikorrenti ha 103 jum ta’ “sick leave” (fol.1786). Ir-rikorrenti jallega illi kien il-kjamat fil-kawza Busuttil li mmanuvra biex huwa jiġi eskluż mill-possibilita’ ta’ promozzjoni u kien ukoll irrakkomanda għall-promozzjoni sitt periti li kienu “juniors” tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti inoltre jallega li ġew proposti ghall-promozzjoni periti li kienu fuq ingaġġ temporanju.  Il-kjamat in kawza Busuttil isostni li kien il-Ministru li ma riedx li r-rikorrenti jinghata promozzjoni u dan hu fatt li hu kredibbli fic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz li jirrizultaw.

Jirrizulta (seduta 22 ta’ Jannar 1998) li l-promotions kienu r-responsabilta tal-Administrative Secretary u ghalhekk mhux tad-Direttur tad-Dipartiment. Inoltre l-ispjegazzjoni li jaghti l-kjamat fil-kawza Busuttil hi kredibbli u ghalhekk aċċettabbli. Fil-fatt jirrizulta ukoll, kif gia rilevat, li f’dik is-sena partikolari r-rikorrent ma kienx imur ghax-xoghol fuq “prolonged sick leave.” Anke ghar-rigward ta’ din is-sitwazzjoni ma jirrizulta xejn kontra l-provedimenti tal-Kostituzzjoni.

Ir-rikorrenti, fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu, ssottometta li “parti kbira mill-provi u dokumenti mressqa mill-kjamat fil-kawza, l-Perit Michael Busuttil, jirreferu ghall-kaz tas-sospensjoni ta’ 19 il-perit fis-sena 1974, fosthom ir-rikorrent. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tar-rikorrenti li din il-kwestjoni m’ghandiex tigi konsidrata mill-Qorti peress li din is-sospensjoni tar-rikorrent u periti ohra ma tiffurmax parti mill-ilmenti tar-rikorrent kif indikati fir-rikors promotur. Kwindi din il-kwestjoni mhux ser tigi konsidrata.

**Konkluzjoni**

In vista ta’ dak kollu li giepremess jirriżulta ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni li huwa d-dritt li jipproteġi lill-individwu minn trattament inuman u degradanti li seħħ meta r-rikorrenti gie impoggi f’kamra zghira bla ebda kumditajiet u bl-ordni li ma jinghata ebda xoghol u gie ordnat li ghal ebda raguni r-rikorrenti ma kellu jillarga minn dik il-kamra. Ta’ dan il-ksur huwa unikament responsabbli l-kjamat fil-klawza l-Onor. Lorry Sant. .

Jirriżulta ukoll ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, liema artikolu jipproteġġi kontra d-diskriminazzjoni u dan meta ir-rikorrenti kien l-uniku Perit li ma thalliex jiffirma l-esercizzju tar-riorganizzazzjoni nonostante li huwa kelu kull dritt li jaghmel dan. Ta’ dan il-ksur ukoll huwa unkament responsabbli l-kjamat fil-kawza l-Onor. Lorry Sant.

Il-kjamat fil-kawża l-Onor. Lorry Sant li kien Ministru tal-Gvern fiz-zmien in kwestjoni kiser l-imsemmija drittijiet

fondamentali tar-rikorrenti kif sanciti fil-Kostituzzjoni. Fid-dawl ta dak li ntqal fis-sentenza gia citata fl-ismijiet “John Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et” tal-21 ta’ Jannar 1993, uffiċjal governattiv jew pubbliku u cioe’ ministru hu dejjem tenut li jaġixxi fit-termini tal-liġi. Huwa responsabbli ta ghemilu u responsabbli jekk jagixxi kontra l-ligi kif ukoll jekk imur oltre dawk li huma d-doveri legittimi tieghu. L-istat, pero’, huwa ukoll responsabbli bhala garanti ta’ ghemil tal-istess ufficjal pubbliku jew governattiv. L-istat huwa kkonsidrat li jiggarantixxi solidarjament dik ir-repsonsabbilita’ tal-ufficjal pubbliku. Jekk l-ufficjal jaġixxi fl-ambitu ta’ ordnijiet riċevuti minn awtorita’ superjuri tiegħu in esekuzzjoni ta’ xi politika allura r-responsabbilita’ diretta hija ta’ dik l-awtorita’ u mhux aktar tal-impjegat jew ufficjal. Ma jirrizultax li l-kjamat fil-kawża l-Onor Lorry Sant kien qed jaġixxi fuq ordni superjuri fl-esekuzzjoni ta’ xi politika kwindi r-responsabilita’ tal-istess kjamat fil-kawza hi wahda diretta.

**Sottomissjonijiet tal-armla tal-kjamat in kawza l-Onor. Lorry Sant**

F’dan l-istadju ghanda ssir referenza ghal xi sottomissjonijiet tal-armla tal-Onor. Lorry Sant li sostniet li r-responsabbilta ta’ żewġha ma tistax tgħaddi fuqha u f’dan ir-rigward hi tagħmel distinzjoni bejn responsabilta’ politika u dik civili. Tissottometti li għal din ir-raġuni, hija m’għandhiex locus standi f’dawn il-proċeduri. Jigi rilevat li jekk tigi (kif giet) stabbilita responsabbilta’ da parti tal-Onor. Lorry Sant għall-ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, jekk ir-rimedju li jitqies adegwat għal dak il-ksur huwa r-rimedju tal-kumpens, tali kumpens ikun passiv kontra l-eredita’ tal-istess kjamat fil-kawza u ghalhekk bhala l-eredi ta’ zewgha l-armla tal-kjamat fil-kawza hi ritenuta responsabbli.

Inoltre, skond l-artikoli 961 u 962 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-kjamat fil-kawza ghandu l-vesti ta’ konvenut u qua konvenut hu jigi msejjah biex iwiegeb ghat-talbiet tal-attur. (Vide sentenza – Qorti tal-Appell, 8 ta' Jannar, 2010 - “Bank of Valletta v Anna Calleja et”). Carmen Sant issuċediet lil żewġha li kien kjamat fil-kawża, u kwindi hija

daħlet fil-personalita' tiegħu u wirtet ukoll il-kwalita' ta' "kjamat fil-kawża." Fin-nota tagħha Carmen Sant tissottometti ukoll li l-att li bih hi giet kjamata fil-kawża hu proċeduralment null għaliex hija ma ġietx notifikata bir-rikors tat-trasfużjoni iżda biss bid-digriet relattiv. Hawnhekk tista ssir riferenza għas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Borg. vs Joseph Muscat" deċiża fil-5 ta' Ottubru, 2001, fejn il-Qorti tal-Appell irreteniet li f'cirkostanzi bhal dawk sottomessi minn Carmen Sant, zgur li ma hemm ebda nullita' procedurali minhabba l-allegat nuqqas. L-imsemmi każ kien jittratta dwar notifika tar-rikors għat-trasfużjoni tal-ġudizzju u kwindi, anke f'dan il-kaz, ma jirrizulta xejn proċeduralment null.

**Responsabbilita' tal-Istat**

Flimkien mal-kjamat fil-kawża Sant jidħol responsabbli ukoll l-Istat għaliex fi kwalunkwe każ l-Istat jiggarantixxi solidalment dik ir-responsabbilita'. Fil-każ ta' Joseph Mary Vella fuq ċitat, ġie ritenut illi l-Istat dejjem iġorr responsabbilita għall-ksur ta' drittijiet fondamentali tal-bniedem. Din ir-responsabilita' pero tista tkun diretta jew indiretta. Ir-responsabbilita tal-Istat hija diretta meta l-vjolazzjoni tkun l-effett tal-politika tal-Istat, u indiretta u garantistika meta tkun l-effett tal-operat illegali tal-ufficjal governattiv. Hawnhekk si tratta ta' responsabbilita' indiretta u garantistika peress li l-ksur huwa konsegwenza ta' operat illegali tal-Onor. Lorry Sant. L-Istat, pero', xorta waħda għandu jipprovdi kopertura shiha ghal agir li jikkostitwixxi lezjoni tal-jedd fondamentali skond il-Kostituzzjoni u dejjem jiggarantixxi solidalment ir-responsabbilita għal ksur tad-drittijiet fondamentali.

Skond l-art. 46(1) tal-Kostituzzjoni, persuna li tallega li xi wahda mid-drittijiet fundamentali taghha tkun giet, tkun qed tigi, jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha, tista' titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju. Dan ir-rimedju jista' jikkonsisti fil-fatt li l-persuna lesa tigi reintegrata fid-dritt li jkun gie vjolat. Jista' jigri li minhabba certi fatturi esistenti ma jistax ikun hemm din ir-reintegrazzjoni, appuntu bhal fil-kaz presenti. L-artikou 46 (1) bl-ebda mod ma jillimita dan id-dritt ta' rimedju lil xi

hadd li d-dritt tieghu fondamentali ikun gie vjolat u tħalli dan l-eżerċizzju fid-diskrezzjoni kompleta u assoluta tal-Qorti.

Jidher li l-Qrati taghna hadu l-linja li meta l-vittma ma jkunx jista' jinghata reintegrazzjoni fid-dritt ivvjolat, allura r-rimedju ghandu jinghata xort'ohra u dan ix-xort'ohra jista' jikkonsisti appuntu fil-hlas ta' kumpens adegwat (vide “Francis Zammit Dimech et nomine vs Kummissarju tal-Pulizija” - 25 ta' Ottubru 1989). Jista jkun ukoll li, fl-opinjoni tal-Qarti hi bizzejjed dikjarazzjoni li d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti gew lezi.

Fil-kaz in esami ghadu jigi konsidrat li jirriżulta li bħala konsegwenza tal-vjolazzjonijiet in kwestjoni saħħet ir-rikorrent marret lura. F'żewġ okkażjonijiet ir-rikorrenti gie nvistat minn tobba mill-Bord Mediku u sabu lir-rikorrenti fi stat ta' dipressjoni u tensjoni. Ir-rikorrenti nstab li kien qed isofri minn “acute neurotic depression” (fol.1782). Jirriżulta ukoll li r-rikorrent ħa ammont kbir ta' sick leave. Fil-kors tal-kawża xehed ukoll il-psikjatra Salvino Schembri Wismayer li qal li minn ferrieħi, ir-rikorrent sar bniedem imdejjaq u aġitat. Kien ukoll ippreskrivielu xi anti depressanti. Dan il-psikjatra xehed illi r-rikorrent kien isofri minn paniku minħabba “time limits” li ma setax ilaħħaq magħhom. In oltre jirrizulta li r-rikorrent telaq minn mal-Gvern fl-1978 , 14-il sena qabel iż-żmien tieghu.

Il-Qorti ghanda s-setgha li taghmel qualsiasi ordni sabiex tipprovdi rimedju ghall-ksur kostituzzjonali u dana bla ebda limitazzjoni legali fuq ix-xorta ta' rimedju li skond il-Qorti hu xieraq u adegwat sabiex jigu mwettqin il-provedimenti relattivi ghall-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem kif stipulati fil-Kostituzzjoni. Il-Qorti hi tal-fehma li r-rimedju xireaq f'din il-kawza hu li ssir dikjarazzjoni ta' ksur tal-Kostituzzjoni u ċioe tal-imsemmijin artikoli 36 u 45 u dana peress li jirrizulta diversi fatturi. Principalment jirrizulta li z-zewg protagonisti principali f'dawn il-fatti mietu fil-mori tal-kawza kif ukoll peress li jirrizulta li r-rikorrenti ha zmien twil biex jinizja dawn il-proceduri u dana probabilment ghar-ragunijiet li possibilment kienu fondati pero' li zgur ghandhom jittiehdu

in konsiderazzjoni fil-konsiderazzjonijiet relattivi ghar-rimedju. Tali dikjarazzjoni tkun bizzejjed u m'hemmx ghalfejn li jinghataw rimedji ohra.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi kollha

Tiddeciedi billi tiddikjara li bl-agir tieghu l-kjamat fil-kawza l-Onor Lorry Sant wettaq vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u in partikolari d-dritt tal-protezzjoni kontra t-trattament degradanti umiljanti u inuman u d-dritt li jipprotegi mill-diskriminazzjoni u dan kollu bi ksur tal-Artikoli 36 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-intimati huma ukoll responsabbli indirettament versu r-rikorrenti ghal dawn il-vjolazzjonijiet. Tiddikjara li ma jirriżultax ksur tal-konvenzjoni Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem stante li din il-Konvenzjoni mhux applikabbli ghal dan il-kaz. Ma tirrizulta ebda vjolazzjoni imputabbli lill-kjamat fil-kawza l-Perit Michael Busuttil.

Tiddikjara ukoll li din id-dikjarazzjoni hi bizzejjed bhala rimedju ghall-imsemmija vjolazzjonijiet u ghalhekk mhux ser jinghataw provedimenti ulterjuri b'rimedji ohra.

In vista tal-cirkostanzi partrikolari ta' dan il-kaz l-ispejjez kollha jithallsu kwantu ghal nofs mir-rikorrent, mill-kjamat fil-kawża l-Perit Michael Busuttil, mill-intimat Ministru ghall-Ambjent u mill-intimat Direttur Generali bejnithom u kwantu ghar-rimanenti nofs jithallas
mill-kjamat fil-kawża l-Onor Lorry Sant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------